# l-aċċent

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea ◊ Numru 13 ◊ Awwissu 2015


## L-EDITORJAL

Minn din it-13-il ħarġa, l-aktar li ġibditli l-attenzjoni kienet tabella ċkejkna f'tarf l-artiklu regolari dwar tradutturi magħrufa Maltin. Ivan Said, f'artiklu dwar it-traduttur Malti Giuseppe Cannolo, iqabbel erba' siltiet mill-Bibbja u kif ġabuhom għall-Malti t-traduzzjonijiet ewlenin. Kelma tmur fin-nofs, jew ċaqliqa ċkejkna, is-sens jibqa' imma l-istil jinbidel, u kull silta tgħid l-istorja tagħha.




Xogħolna bħala tradutturi hekk ukoll. Minkejja l-obbligu frekwenti tal-konsistenza, il-preċiżjoni u l-validità legali, u maġġoranza ta' testi li trid toqgħod b'seba' għajnejn biex it-traduzzjoni tagħhom tixraq lill-utent jew lill-udjenza aħħarin tagħhom (il-famuża *fit-for-purpose*), xorta jkun hemm bosta waqtiet fejn wieħed jista' jittanta jħaddem il-ġenju uniku tiegħu, l-istil li jara l-aktar xieraq, anki l-ħsejjes u l-mużika ta' sentenza, u b'hekk l-ilsien jerġa' jieħu l-ħajja, u anki l-aktar frażi apparentament xotta tisbieħ.

Bħal dejjem, dan l-aspett b'xi mod jew ieħor qed jiġi ttrattat anki f'din il-ħarġa. L-ilsien ikompli jieħu l-ħajja bit-tkomplija tal-investigazzjoni ta' Antoine Cassar tat-tismija ġeografika, xogħol fejn tirrenja l-immaġinazzjoni, li mbagħad titrażżan mill-artikli regolari dwar il-preċiżjoni tat-terminoloġija legali. Bħal dejjem, din il-ħarġa mhijiex nieqsa minn artikli li jittrattaw l-aspetti tekniċi, essenzjali wkoll għal xogħolna, bħall-ortografija, il-grammatika u s-sintassi.

Fl-aħħar, ma ninsewx lid-dinja usa' lil hinn minnha, u f'din il-ħarġa naraw l-artiklu ta' Paul Zahra dwar it-traduzzjonijiet letterarji għall-Malti, u anki intervista ma' Simon Bartolo, kollega traduttur li ħa xogħlu lil hinn mill-konfini tal-uffiċini fi Brussell u l-Lussemburgu.

Mark Vella f'isem il-Bord Editorjali

# IL-WERREJ


| | |
|---|---|
| **BIR-REQQA**<br>**Il-lingwa miktuba u mitħaddta** | **3** |
| Teħtieġ jew tirrikjedi? Jiddependi xi trid! | 3 |
| Ix-xejriet tal-Malti III: il-forma tal-maskil fi lsienna | 5 |
| Mistoqsija u Tweġiba | 6 |
| **KELMA B'KELMA**<br>**It-terminoloġija** | **8** |
| Iż-żwieġ bejn il-lingwa u l-liġi | 8 |
| It-terminoloġija fl-UE: il-Kummissjoni | 15 |
| Lejn mappa tad-dinja bil-Malti 3 - L-Amerka t'Isfel | 25 |
| **MILL-GĦATBA 'L BARRA**<br>***Aspetti Oħra*** | **33** |
| Kważi, kważi, anzi ċert, Simon Bartolo traduttur | 33 |
| It-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti lejn lingwi oħrajn: ħarsa ħafifa ta' apprezzament | 37 |
| Giuseppe Cannolo: Il-ġenju eċċentriku traduttur u l-interpretu tal-iskjavi | 40 |


**Ma' din il-ħarġa ta' *l-aċċent***

- Suppliment Terminoloġiku dwar is-sustanzi kimiċi
- Mappa bil-Malti tal-Amerka t'Isfel


3


25



5


33


8


40

L-edizzjonijiet elettroniċi ta' *l-aċċent*:

**http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines**

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin:

**l-accent@ec.europa.eu**


***Koedituri***: *Mark Vella, Louise Vella, Antoine Cassar*

***Distribuzzjoni***: *Maryann Agius*

***Impaġnar u disinn***: *Alan Delia*

***Qari tal-Provi***: *Marija Agius, Loredana Theuma*

***Editur tal-Istil***: *Mark Amaira*



**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*

# BIR-REQQA

## *Il-lingwa miktuba u mitħaddta*

### Teħtieġ jew tirrikjedi? Jiddependi xi trid!

Alan Delia

Fl-Ingliż il-verbi *to need* u *to require* huma prattikament sinonimi. Id-definizzjoni ta' *to need* fid-dizzjunarju Merriam Webster hija "*to be in need of***:** *require.*" Min-naħa l-oħra, skont l-istess dizzunarju, *to require* hi "*to need (something)*" jew "*to claim or ask for by right and authority*". Definizzjoni oħra hi "*to make it necessary for someone to do something*". L-iskop ta' dan l-artiklu hu li jeżamina l-verb *to require* meta jintuża f'dan l-aħħar sens.

Xi drabi bil-Malti nużaw il-verb 'ħtieġ', kemm biex infissru 'bżonn' u kemm biex infissru 'talba' jew 'ordni', u l-mistoqsija hi jekk 'ħtieġ' hijiex traduzzjoni korretta ta' *to require* (*something of someone*). Il-mistoqsija oriġinat minħabba li, kulma jmur, dan il-verb qed nittraduċuh għall-Malti b'mod li jista' ma jkunx iwassal is-sens proprju ta' kif ikun użat fil-kuntest.

Dawn iż-żewġ eżempji jagħtuna stampa aktar ċara ta' din il-problema.

EN: For the procedure to be valid, all Member States have to respond to these two questions before the deadline indicated below and the **Commission needs** to respond to the first question.
MT: Biex il-proċedura tkun valida, l-Istati Membri kollha għandhom iwieġbu dawn iż-żewġ mistoqsijiet qabel l-iskadenza indikata hawn taħt u **l-Kummissjoni jeħtiġilha** twieġeb għall-ewwel mistoqsija.

EN: As regards major projects, **the Commission requires** Member States/ Managing Authorities to carry out a cost-benefit analysis.
MT: Fejn jidħlu proġetti kbar, **il-Kummissjoni teħtieġ** li l-Istati Membri/l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jagħmlu analiżi tal-kost-benefiċċju.

Filwaqt li ma jidher li hemm l-ebda problema bit-traduzzjoni tal-ewwel sentenza fejn hemm bżonn li l-Kummissjoni tagħmel xi ħaġa hi stess, mhux l-istess jista' jingħad għat-tieni sentenza fejn il-Kummissjoni qed titlob lil ħaddieħor jagħmel xi ħaġa. Huwa korrett li nużaw il-verb 'ħtieġ' f'dan is-sens?

Din il-mistoqsija, flimkien ma' mistoqsijiet oħra, ġiet diskussa f'seminar organizzat mid-Dipartiment tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Għalih kien mistieden Dr George Farrugia u tkellem fid-dettall fuq l-analiżi li għamel ta' numru ta' dokumenti tradotti. Dr Farrugia wieġeb ukoll il-mistoqsijiet li għamlulu t-tradutturi.

Nistgħu ngħidu li l-verb **ħieġ** huwa użat l-aktar fis-seba' forma "nħtieġ" u fit-tmien forma 'ħtieġ'.




Dr George Farrugia waqt seminar għat-tradutturi

*Il-Miklem Malti* ta' Erin Serracino Inglott (1977) jagħti erba' definizzjonijiet ta' 'ħtieġ':

1. ried xi ħaġa jew lil xi ħadd; p.est. ukoll amar, esiġa li jkollu, li jġibulu
2. bis-suffis –lu, –ilha, kien obbligat li (eż. ħtieġlu jsiefer)
3. użu impersonali – hemm bżonn li [u]
4. nħtieġ

Aquilina, min-naħa l-oħra, jagħti tliet definizzjonijiet għal 'ħtieġ':

1. L-użu bħala verb tranżittiv – Biex naħdem sew neħtieġ l-għodda.
2. L-użu impersonali tal-verb – Jeħtieġ naraw x'nagħmlu; meħtieġ li
3. L-użu tal-verb+li+suffiss pronominali – Ħtiġilna nitilqu qabel il-waqt.

Jidher li filwaqt li ż-żewġ dizzjunarji jagħtu bejn wieħed u ieħor l-istess tifsira, hu l-*Miklem* biss li jagħti t-tifsira ta' 'esiġa' għal 'ħtieġ'. Issa l-*Miklem* inkiteb fis-sebgħinijiet u jista' jkun li minn dak iż-żmien 'l hawn it-tifsir ta' ċertu kliem seta' nbidel. Tiftixa sempliċi fl-MLRS turi li 'ħtieġ/u (jeħtieġ/u)' jew 'ħtieġet (teħtieġ)' ma jintużaw qatt biex ifissru 'ordni' jew 'talba' minn xi ħadd lil ħaddieħor. Fi kliem ieħor, illum il-verb 'ħtieġ' jintuża kważi dejjem fil-forma impersonali u tranżittiva. Rarament jintuża fil-forma estiża fejn is-suġġett qed jitlob xi ħaġa minn xi ħaddieħor.

Fid-diskussjoni ħareġ ċar li f'kuntesti simili għat-tieni sentenza tradotta hawn fuq, il-verb **require** ikun aħjar li jiġi tradott bil-verb **tirrikjedi** jew **titlob.** Għaldaqstant, is-sens tas-sentenza joħroġ aħjar jekk tkun tradotta hekk:

Fejn jidħlu proġetti kbar, il-Kummissjoni **tirrikjedi/titlob** li l-Istati Membri/l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni jagħmlu analiżi tal-kost-benefiċċju.

*Alan Delia huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*




Disinn: Jennifer De Barro

# Ix-xejriet tal-Malti III: il-forma tal-maskil fi lsienna

Mark Amaira

Fl-edizzjonijiet l-imgħoddija trattajt żewġ imriewaħ ta' estremi differenti li nosserva fil-Malti: l-estremi nominali u verbali, u l-estremi spazjali u temporali, ilkoll b'xi distinzjonijiet fil-livell tas-sentenza. Imrewħa oħra li nosserva f'dan il-livell għandha x'taqsam mal-ġens, jiġifieri mal-maskil u l-femminil, tal-verb jew tal-frażi verbali kollha kemm hi.

F'xi traduzzjonijiet minn tagħna nsib sentenzi bħal:

- *Din id-Deċiżjoni **għandha jkollha** effett fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni...* Jew

- *L-UE tappella lill-forzi politiċi kollha fil-pajjiż biex jappoġġaw proċess ta' paċi kredibbli, li fih is-soċjetà ċivili **tkun tista' jkollha** sehem sħiħ.*

Minkejja li dat-tiswir tal-istrutturi verbali kemm-il darba tisimgħu f'kuntesti differenti tat-taħdit, nammetti li fl-idjolett tiegħi jżarżar ġmielu.

Meta bdejt nistħarreġ il-verb Malti jew il-frażi verbali, għaraft li mhux kull element verbali fis-sentenza jrid jinfletti biex jaqbel bilfors mal-għadd u mal-ġens tas-suġġett; iżda ndunajt li minflok, xi drabi, il-forma tal-verb jew il-forma ta' parti mill-frażi verbali ma tibdilx surtha.

U hawn tidħol l-imrewħa tal-ġens li se nittratta f'dan l-artiklu li tofroq bejn il-verbi fil-maskil li allura jkollhom il-forma tal-maskil, u verbi oħrajn li għandhom il-forma tal-maskil iżda li din ma tinbidel fl-ebda ċirkostanza, ikun xi jkun l-għadd u l-ġens tas-suġġett.

Fost dawn il-verbi, iltqajt mal-hekk imsejħa verbi impersonali.




Huwa interessanti li l-elementi ta' din il-kategorija ta' kliem għandhom il-forma tal-verb fit-tielet persuna singular maskil bħal ngħidu aħna *jeħtieġ* u *jidher* iżda fis-sentenza, għalkemm jieħdu n-negattiv tal-verbi, ma jinflettux bħall-verbi skont il-persuna, l-għadd u l-ġens tas-suġġett. Mil-lat grammatikali, skont l-idjolett tiegħi jidhirli li hu korrett li f'xogħolna niktbu:

- *Il-proċedura għall-istima ambjentali tal-proġett inkwistjoni **jidher li** nbdiet.*
- *Il-proċedura għall-istima ambjentali tal-proġett inkwistjoni **ma jidhirx li** nbdiet.*

Minflok:

- *?Il-proċedura għall-istima ambjentali tal-proġett inkwistjoni **tidher li** nbdiet.*

Xi eżempji korretti oħrajn jitħaddtu waħedhom:

- ***Ġara li** kont qed naħdem għall-Prim Ministru Belġjan kbir Leo Tindemans meta rċieva l-Premju Charlemagne.*

- *...billi fil-parti l-kbira tal-każijiet, id-detenuti kienu allegatament ittorturati, u **jingħad li** xi wħud minnhom mietu kawża ta' dan.*

Biex jaqblu mas-suġġett tas-sentenza, xi verbi impersonali jieħdu l-pronom mehmuż dirett tal-verb:

eż. *Jien jisim***ni** *Pawlu*
eż. *Marija jiddispjaċi***ha** *talli ġiet tard*;

filwaqt li verbi impersonali oħrajn jieħdu l-pronom mehmuż indirett tal-verb,

eż. *Jien jixraq***li** *nkun fost il-magħżulin*
eż. *Int jidhir***lek** *li kollox sew?*

Iżda f'kull ċirkostanza jidher li l-forma tal-verb impersonali ma tinbidilx.

Dawn l-aħħar eżempji juru l-verbi impersonali bħala verb wieħed bil-forma tas-singular maskil. Madankollu kif juri l-ewwel eżempju li slitt minn xogħolna, xi drabi l-verbi impersonali jistgħu jkunu frażi verbali (katina ta' verbi). Skont l-idjolett tiegħi jidhirli li anki f'din iċ-ċirkostanza, il-forma tal-frażi verbali għandha tkun ukoll tas-singular maskil.

Fost l-oħrajn, din il-frażi verbali tista' tkun:

*(1)* *verb u verb impersonali, eż. L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA)* ***irid ikoll****ha l-mezzi meħtieġa biex tissorvelja u tipprevjeni t-tniġġis mit-trasport marittimu,*

(2) żewġ verbi impersonali, eż. *Il-Kummissjoni* ***jeħtieġ ikoll****ha wkoll riżorsi legali biżżejjed biex tkompli tidentifika l-lakuni,*

(3) jew psewdoverb u verb impersonali, eż. *Dan ifisser li l-missjoni* ***għandu jkoll****ha bażi legali tajba skont id-dritt internazzjonali.*

Ninnotaw li dan l-argument jgħodd kull meta t-tieni verb jinzerta verb impersonali, iżda dan ma jibqax jgħodd meta t-tieni verb ma jkunx verb impersonali:

eż. *Kull attività proposta* ***trid tkun*** *rilevanti għall-prijoritajiet politiċi tal-KtR u għall-ħidma kontinwa u ppjanata tal-Kummissjoni,*

eż. *Il-petizzjonant jispjega li ż-żona konċernata għandha valur storiku kbir minħabba li fiha fdalijiet arkeoloġiċi importanti u* ***jixraqilha tkun*** *protetta*, jew

eż. *Ir-rata tal-imgħax* ***għandha tkun*** *l-istess bħar-rata kif ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.* ▪

*Mark Amaira huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

**Mistoqsija u Tweġiba**: Servizz tad-Dipartiment tal-Malti tad-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

## X'għandna niktbu: 'issuġġerit' jew 'suġġerit'?

Olvin Vella

It-tnejn tajbin. Ir-regola li rridu nżommu d-duplikazzjoni tal-konsonanti tal-bidu tiswa biss għall-verbi.

Verb:
kkanċella, jikkanċellaw, pprotesta, nipprotestaw

Parteċipji Passivi:
ssuġġerit, suġġerit, pprotestat, protestat

Mhux il-parteċipji passivi kollha għandhom żewġ forom varjanti.

Verb:
pparkja

Parteċipju Passiv:
pparkjat (mhux parkjat).

Ninnutaw ukoll li ċerti forom tal-parteċipji passivi mhumiex meqjusin standard allavolja (i) jinstemgħu u (ii) l-forma tagħhom hi grammatikalment korretta.

Parteċipji Passivi: suġġerit, ssuġġerit, ssuġġerut
deċiż, ddeċidut

Ninnotaw li "ssuġġerut" u "ddeċidut" ma jitqisux standard għax il-kelliema ma jpoġġuhomx fl-istess livell tal-forom l-oħra, imma taħthom. Lil dawn il-forom "inferjuri" ħafna drabi norbtuhom mal-kelliema li mhumiex tal-iskola (għax min tgħallem it-Taljan l-iskola jaf li oriġinarjament kienu suggerito u deciso).

Madankollu, kif għedna hawn fuq, grammatikalment "ssuġġerut" u "ddeċidut" huma mibnija 'tajjeb' bħal "ċedut", "spiċċut", "emmnut".

Tgħiduli, huwa ġust allura li forom bħal *issuġġerut*, li l-unika ħtija tagħhom hija li meta daħlu fil-Malti ma komplewx jimxu bħall-oriġinal fit-Taljan, jinqatgħu mill-Malti Standard? Lingwistikament ma jagħmilx sens li nagħżlu bejn forma u oħra skont l-oriġini tagħhom.

Madankollu, il-kelliema jagħmlu dawn l-għażliet il-ħin kollu. Ċertu kliem jiġi 'l quddiem minħabba l-moda (eż. *bomba* – "offerta bomba") u kliem ieħor għaddej minn agunija (eż. *qabla* u *moxt*). Għax il-lingwa hi ħajja f'ħalqna u AĦNA qed nagħżlu l-ħin kollu x'ngħidu biex inħossuna milqugħin min-nies ta' madwarna.

Xi drabi żewġ forom varjanti jiksbu tifsira differenti.

eż. "Mark huwa konfuż" ma tfissirx li "Mark huwa kkonfondut".

Din l-ispjega hi meħuda mis-sit http://malti.skola.edu.mt. Fuq in-naħa tal-lemin tal-paġna web hemm it-tasqsima 'Għajnuniet' b'sensiela ta' mistoqsijiet bħal dawn u t-tweġibiet għalihom.

# Niktbu *ikkontribwew* jew *ikkontribwixxew*?

Michael Spagnol



Niktbu "ikkontribwew". Il-verbi li għandhom l-element *ixxa*: inkoraġġ*ixxa*, issuġġer*ixxa*, ittrad*ixxa*, nikkonjugawhom b'żewġ modi.

Fl-imperfett inżommu l-*ixxa* (ninkoraġġixxi, jinkoraġġixxu, tissuġġerixxi, jissuġġerixxu, jittradixxi, nittradixxu...).

Fil-perfett inwaqqgħuh (inkoraġġejt, inkoraġġew, issuġġerejt, issuġġeriet, ittradejt, ittradew...). Imma għat-3et persuna maskili singular (i.e. huwa) inżommuh (inkoraġġixxa, issuġġerixxa, ittradixxa).

Għaliex l-element *ixxa* daqqa nżommuh u daqqa nwaqqgħuh? Jiddependi mill-aċċent tal-verb. Meta l-aċċent jaqa' fuq iz-zokk tal-verb, l-*ixxa* nżommuh (ninkoraġġIxxi, issuġġerIxxa, jittradIxxi...). Imma meta l-aċċent jaqa' fuq is-suffiss tal-verb, l-*ixxa* nwaqqgħuh (inkoraġġEjt, issuġġerEjna, ittradIEt...).

Dan ifisser li jekk ma' verb bħal issuġġerixxa żżid suffiss, l-aċċent jimxi fuq is-suffiss u l-*ixxa* jaqa'.

Mela għandek:

- issuġġerIxxa **imma** ssuġġerIEli, issuġġerIElna...
- inkoraġġixxa **imma** inkoraġġIEna, inkoraġġIEk...
- ittradixxa **imma** ttradIEhom, ittradIEna...

# KELMA B'KELMA

*It-terminoloġija*

## Iż-żwieġ bejn il-lingwa u l-liġi

Louiselle Saunier-Borg, Colette Bugeja u Marie Chantelle Bonnici

**L-isfond għar-rokna**

Iż-żwieġ bejn il-lingwa u l-liġi huwa dejjem wieħed feliċi? B'din is-sensiela ta' artikli qosra se nibdew nistħarrġu din ir-relazzjoni.

"Language is perhaps the greatest of all human inventions," osserva Glanville Williams fis-seklu 20. "Most people think of it merely as the chief means of communication, but it is much more than that: it is the chief medium of thought. Almost all thinking, above a very primitive level, is in words." (Schauer, 1993: 97)

L-użu tal-lingwa huwa kruċjali għal kull sistema legali peress li l-leġiżlatur juża l-lingwa biex joħloq il-liġi u l-qrati jużaw il-liġi biex jesponu r-raġunamenti meta jsawru d-deċiżjonijiet tagħhom.

Fl-imgħoddi, ħafna mil-liġijiet ma kinux jinkitbu, iżda maż-żmien, fuq insistenza ta' wħud li riedu aktar ċarezza u sigurtà, dawn bdew jiġu kkodifikati.

B'hekk, l-użu tal-lingwa fil-liġi żviluppa f'korp legali kumpless u kkumplikat bil-konsegwenza li xi kultant ikun hemm nuqqas ta' koerenza fil-kitbiet legali.

Huwa għalhekk li l-interpretazzjoni fil-liġi hija għodda importanti ħafna. Qatt innutajtu kemm hija xi ħaġa affaxxinanti li kelma, fil-Malti jew f'lingwa oħra, użata b'mod komuni fit-taħdit tagħna ta' kuljum, pereżempju ***attriċi***[1], tieħu xejra kompletament differenti skont l-istatut jew il-liġi fejn tkun qed tintuża?

Dan mhux għaliex il-lingwa tal-liġi hija xi fenomenu xjentifiku jew tekniku li ma jistax jinftiehem iżda ġej mill-fatt li l-leġiżlatur, meta jabbozza liġi, barra li jagħti każ li ċ-ċittadin għandu d-dritt li jifhem dak li jaqra, irid iqis liġijiet preċedenti jew it-tradizzjoni legali. Huwa għalhekk li xi drabi l-leġiżlatur, b'mod intenzjonat, juża kliem u frażijiet – li ta' sikwit aħna narawhom vagi, flessibbli u saħansitra astratti – mingħajr ma jippreċiża f'iktar dettall.

Bis-saħħa ta' din il-flessibilità, il-lingwa tal-liġi tadatta ruħha għal ċirkostanzi u komunitajiet differenti fl-ambitu tal-ġurisdizzjoni li l-istess liġi tindirizza, u tittratta sitwazzjonijiet ġodda. Anke jekk ir-reġistru użat fil-liġi fl-aħħar mill-aħħar huwa lingwaġġ li għandu portata ordinarja fil-ħajja ta' kuljum, u r-regola ġenerali hija li r-reġistru għandu jkun dejjem ċar, fil-leġiżlazzjoni ċertu kliem jieħu tifsira jew xejra kompletament differenti.

Għaldaqstant, filwaqt li għandha tingħata attenzjoni lir-relazzjoni bejn il-lingwa u l-liġi, wieħed għandu jagħti każ ukoll l-għeruq tas-sistemi u t-tradizzjonijiet legali diversi fid-dinja, il-bażi u s-sorsi tagħhom (Glenn, *Legal Traditions of the World*). Kull pajjiż għandu s-sistema legali proprja tiegħu li l-fonti tagħha dejjem huma bbażati fit-tradizzjonijiet tal-pajjiż u jafu għeruqhom fl-istorja tal-istess pajjiż.

[1] ATTRIĊI, a.f. Pertaining to the plaintiff; Ara d-definizzjoni sħiħa f'*The Maltese Legal System*, Vol. I, Prof. David J. Attard, Malta University Press p. 291.

**Is-sistema legali Maltija**



Is-sistema legali Maltija hija waħda mħallta u għandha l-għeruq fil-familja tat-tradizzjoni legali ċivili[2] iżda, min-naħa l-oħra, assorbiet diversi karatteristiċi mit-tradizzjoni tal-Liġi Komuni[3]. Pereżempju, filwaqt li r-regoli dwar is-serq fil-Kodiċi Kriminali Maltija[4] huma ispirati mill-approċċ tat-tradizzjoni legali ċivili, l-istituzzjoni tas-sistema tal-ġurija ġiet impurtata fil-Kodiċi Kriminali Maltija *tale quale* mil-liġijiet penali Brittaniċi.

Hija sistema bbażata fuq it-tradizzjoni tal-Liġi Ċivili li l-perjodu modern tagħha jmur lura ironikament għaż-żminijiet tal-introduzzjoni (mill-amministrazzjoni Brittanika) ta' kodiċijiet fil-biċċa l-kbira bbażati fuq sorsi tal-Liġi Ċivili. Iżda hija waħda wkoll fejn għexieren ta' snin taħt amministrazzjoni Brittanika esponew lill-istess sistema għal-liġi Brittanika; influwenza li kompliet saħansitra wara l-Indipendenza fl-1964. Dan japplika għal diversi oqsma tal-liġi Maltija kontemporanja li jvarjaw mil-Liġi Pubblika għal oqsma oħra tal-liġi, bħal pereżempju l-Liġi tal-Kumpaniji, il-Liġi Fiskali u l-Liġi Marittima[5].

[2] Din it-tradizzjoni, magħrufa aħjar bl-Ingliż bħala The Civil Law Tradition, tinkludi ġabra ta' regoli kkodifikati, applikati u interpretati mill-qrati. Hija tradizzjoni li hija kompletament iffukata fuq il-persuna u d-drittijiet tagħha.
[3] Din it-tradizzjoni, magħrufa aħjar bl-Ingliż bħala The Common Law Tradition, hija ispirata mit-tradizzjoni legali li evolviet fir-Renju Unit mis-seklu 11 'il quddiem. Fil-biċċa l-kbira tagħha mhijiex ikkodifikata u l-każistika f'din is-sistema hija vinkolanti fuq deċiżjonijiet futuri għal kuntrarju tal-każistika fit-tradizzjoni legali ċivili fejn il-każistika tista' biss tinfluwenza deċiżjonijiet futuri.
[4] Il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] *The Maltese Legal System*, Vol. I, Prof. David Joseph Attard, Malta University Press p. 24.

Barra minn hekk, il-liġi Brittanika għandha influwenza wiesgħa fuq il-liġi Maltija fl-istadju tal-abbozzar, speċjalment issa li l-liġijiet tal-Unjoni Ewropea jiġu trasposti fis-sistema legali Maltija. Qasam ieħor li juri l-influwenza Brittanika fil-liġi Maltija huwa dak finanzjarju, fejn bosta kunċetti finanzjarji Anglosassoni ġew introdotti fil-leġiżlazzjoni finanzjarja ta' Malta.

Eżempju importanti ieħor huwa t-tfassil tal-liġi pubblika Maltija fuq il-liġi pubblika tar-Renju Unit. Dan ikkonfermatu b'mod ċar il-Qorti Maltija fil-każ ta' *Lindsay James Abbot vs Bank of Valletta p.l.c., Jimmy Montebello u Mary Camilleri*[6], fejn iddikjarat li: "it has been well established by Maltese Courts that in the case of a lacuna, United Kingdom rules of Private International Law should apply..."[7].

[6] Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Lulju 2010, *The Malta Independent*, il-11 ta' Awwissu 2010.
[7] Fil-każ ta' lakuna, il-Qrati Maltin iridu jirrikorru għar-regoli stipulati fid-Dritt Internazzjonali Privat tar-Renju Unit u japplikawhom.

**Piena vs Penali**

*Nullum crimen, nulla poena sine lege*[8]

Meta wieħed jikser il-liġi jingħata kastig[9]. Għalkemm il-kelma **kastig** għandha eżattament l-istess tifsira tal-kelmiet **piena** jew **penali**, mhijiex kelma li tintuża fil-liġijiet Maltin. Minflok, fil-liġi Maltija (fil-liġijiet prinċipali u saħansitra fil-leġiżlazzjoni sussidjarja) niltaqgħu diversi drabi mal-kelmiet (a) **piena**, pereżempju: *inqatgħet is-sentenza u ngħata piena ta' għomor il-ħabs*; *ingħata l-piena tal-mewt* u (b) **penali**, bħal pereżempju *punti penali* (**penalty points** fis-sens ta' liċenzja tas-sewqan) jew *pagament ta' penali*. Prattikament it-tnejn huma forom ta' kastig, għalkemm il-qawwa u l-forma ta' dan l-istess kastig tiddependi wkoll mit-tip ta' reat, delitt jew offiża mwettqa.

It-terminu **piena** huwa relatat mal-kontabbiltà ta' aġir li jikser il-liġi. Fil-każ *ir-Repubblika ta' Malta vs Renè sive Nazzareno Micallef*, mogħtija fit-28 ta' Novembru 2006, il-Qorti ddikjarat li:

"*Il-piena għandha diversi skopijiet. Wieħed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut soċjali li jkun ġie mċarrat bil-għemil kriminali ta' dak li jkun. Skop ieħor tal-piena huwa dak li tiġi protetta s-soċjetà*."

Il-**piena** tista' tikkonsisti fi priġunerija li jkollha tiġi skontata minnufih jew li tista' tiġi sospiża jekk jiġu osservati ċerti kundizzjonijiet. Din tista' tkun f'forma ta' kastig mod ieħor milli priġunerija.



Iżda **piena** fil-Malti tista' tintuża wkoll meta l-ġudikant jissospendi jew jirtira, definittivament jew għal perjodu limitat, il-liċenzja ta' sewqan tal-konvenut minħabba xi eċċess ta' sewqan jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku. Fil-fatt Erin Serracino-Inglott jispjega li l-**piena** hija l-kastig mogħti mill-Qorti lil min jinstab ħati, sew jekk ħlas ta' flus (multa), sew jekk **piena ta' priġunerija** jew ċanfira (*ammenda*) u kif ukoll twiddiba b'sentenza, b'kundanna (minn awtorità kompetenti) jew **penali**. L-etimoloġija ta' **piena** jidher li ġejja mit-Taljan u f'ċerti każijiet tista' tfisser ukoll kull uġigħ imġiegħel, bħal pereżempju t-tortura, xi turment jew dulur u niket inkella xi għafsa ta' qalb[10].

Ta' sikwit ukoll insibu li l-**piena** hija kkwalifikata bħal **piena** *massima* jew *minima*, **piena** *ta' mewt*, **piena** *ħarxa*, eċċ. Pereżempju fl-Artikolu 2 tal-Kodici Kriminali, fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hemm diversi gradi ta' kastigi stabbiliti.

2. Ir-reati jitqassmu f'delitti u kontravvenzjonijiet.

---

8 Prinċipju legali stabbilit li jirrikjedi li wieħed ma jistax jiġi kkastigat għal xi ħaġa li mhijiex projbita mil-liġi. Ara l-artiklu diġà ppubblikat f'*l-aċċent*, http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/documents/issue_11_mt.pdf p. 19.

9 KASTIG n.m.s., pl. -i Piena li tingħata l-aktar bħala tagħlima lil min jikser ordni, liġi, eċċ.; għedieb mogħti lil min jiżbalja; tagħdiba; tbekkita; ħlas mistħoqq lil ħati; swat jew għemil ieħor li bihom wieħed jiġġiegħel ipatti għal xi nuqqas, dnub, ħtija, diżobbedjenza eċċ li jkun għamel. (Il-Miklem Malti, Vol. V).

10 Għandi piena li ma ftaħtlux għajnejh! Kieku ma ġralux li ġralu! (Il-Miklem Malti, Vol. V).



3. (1) Kull reat inissel azzjoni kriminali u azzjoni ċivili. (2) L-azzjoni **kriminali** titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali, u biha tintalab **piena** kontra l-ħati. (3) L-azzjoni ċivili titmexxa quddiem il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili, u biha jintalab il-ħlas tal-ħsara li ssir bir-reat.

**Tipi ta' piena**

7. (1) Bla ħsara tal-eċċezzjonijiet li tagħmel il-liġi, il-**pieni** li jistgħu jiġu mogħtija għad-delitti huma - (a) il-**priġunerija**; (b) ir-**reklużjoni**; (c) l-**interdizzjoni**; (d) il-**multa**.
(2) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-**kontravvenzjonijiet** huma - (a) id-**detenzjoni**; (b) l-**ammenda**; (c) iċ-**ċanfira** jew it-**twiddiba**.

Pieni li jnaqqsu l-**libertà persunali**.

(3) Taħt l-isem ta' "pieni li jnaqqsu l-libertà persunali" jidħlu l-pieni tal-priġunerija u tad-detenzjoni.

7. (6) It-**tlugħ jew l-inżul minn piena** għal oħra titqies bħala li tirriferixxi għall-**iskala tal-pieni**.

Min-naħa l-oħra, il-kelma **penali**[11] tkopri b'mod partikolari l-multi ta' natura finanzjarja bħal multi, ammendi, miżati u sovvraimposti amministrattivi.

"L-attur talab kundanna ta' ħlas ta' penali minħabba inadempjenza kontrattwali"[12],

fejn f'dan il-każ, mela, il-kelma **penali** qed tirreferi għal ħlas minħabba ksur ta' kuntratt jew għax ma ġiex onorat xi obbligu kuntrattwali jew dekadenza.

---

[11] PENALI n. u aġġ. f. s. u pl. (Tal. Penale, Petr. 'agg. da pena; pena per lo più pecuniaria'): t.leg. li hu ta', ġej minn jew b'xi mod għandu x'jaqsam ma' piena, mal-għoti ta' pwieni, kastigi lill-ħatjin eċċ. (liġi, kodiċi, dritt eċċ.); (2) n. bl-art. il- : il-piena nfisha, il-kastig; il-flus li wieħed jeħel biex iħallas tal-ħtija, mill-qrati, l-awtorità eċċ; eż. Jew tħallas il-penali jew tinżilhom! (Il-Miklem Malti, Vol. V).

[12] Of Appeal (Civil, Superior), Joseph Chetcuti Noe Vs Peter Paul Camilleri.




Il-kelma **penali** tagħti l-idea wkoll ta' xi forma ta' ħlas f'daqqa ta' somma ta' flus. Kemm il-darba, naqraw fil-ġurnali Maltin dwar multi imposti fuq il-kuntratturi minħabba dewmien fi proġett partikolari jew **penali** għal min jisraq l-elettriku. Pereżempju fl-Artikolu 541 tal-Kodici Kriminali li jittratta t-tipi ta' **penali**, insibu hekk:

"Iżda, ir-rikorrent għandu, qabel xejn ma t-talba tiegħu titmexxa 'l quddiem, iwettaq bil-ġurament id-denunzja, ir-rapport jew il-kwerela, u **jobbliga ruħu, taħt penali**, f'somma li tiffissa l-Qorti, li jagħti fil-kawża, jekk ikun imsejjaħ, ix-xiehda tiegħu, inkella li jagħti dawk il-provi li jkollu f'idejh illi bihom l-imputat ikun jista' jinsab ħati"

Għalhekk wieħed jista' raġonevolment jikkonkludi li t-terminu **penali** huwa ġeneralment użat f'kuntest ta' offiża jew delitt anqas serju minn dak ta' reat li jwassal għall-għoti ta' **piena** mill-ġudikant. Barra minn hekk, fl-Artikolu 35(2) jingħad:

"*il-Qorti tista', fuq talba tal-Pulizija, iġġiegħel li jidhru quddiemha l-ġenitur jew persuna oħra li jkollha d-dmir tat-trobbija tal-minuri, u, jekk il-fatt allegat bħala magħmul mill-minuri jiġi ppruvat u jkun maħsub mil-liġi bħala reat, il-Qorti tista' tobbliga lill-ġenitur jew lil dik il-persuna l-oħra li jieħdu ħsieb tal-imġiba tal-minuri, taħt penali, jekk jonqsu, ta' somma ta' mhux anqas minn mitt euro (€100)*".

Fi kliem ieħor hawnhekk il-kelma **penali** qed tintuża bħala forma ta' kawzjoni jew garanzija għal xi ħadd.

Fil-kawża *il-Pulizija vs L-Onor. Dennis Sammut* tal-1992, il-Qorti spjegat li:

"*is-subartikolu jikkontempla l-ksur ta' dispożizzjoni u jippreskrivi l-penali ta' somma ta' flus għal kull ġurnata sakemm tipperdura l-infrazzjoni*."

Ir-raġuni ta' **penali** ta' ħlas ta' somma flus għal kull ġurnata tista' tkun minħabba ksur ta' kuntratt, bħala garanzija, minħabba l-ħruġ ta' mandat b'qerq jew l-obbligu ta' tneħħija ta' inkonvenjent ikkawżat minn azzjoni illegali. Għaldaqstant it-termini **"penali"** u **"penalità"** jfissru b'mod ċar **piena** monetarja u qatt ma jistgħu jiġu mfixkla mat-terminu priġunerija filwaqt li kif se naraw aktar 'l isfel **"piena"** barra li tfisser priġunerija jew **piena** tal-mewt fil-liġi Maltija ġieli ngħatat sinifikat monetarju wkoll.

Il-kelma **penali** faċilment tieħu post il-kelma **kriminali** peress li hija relatata ħafna mal-liġi penali jew l-att penali. L-Ingliżi ta' spiss jużaw dawn it-termini b'mod alternat, iżda l-iktar terminu li jħobbu jużaw huwa **penalty** (eż. *death penalty*). Fil-Malti, madankollu, nistgħu

nużaw iż-żewġ termini differenti (**pena** tfisser **piena**[13]; **penalità/sanzione** tfisser **penali**) billi xi terminoloġija fil-liġi kriminali tagħna ssawret fuq it-Taljan għalkemm ma rridux ninsew li, kif rajna aktar 'il fuq, il-liġi nnifisha[14] għandha l-għeruq tagħha fiż-żewġ tradizzjonijiet legali.

Kelma oħra relatata mal-kelmiet **penali** u **piena** hija l-kelma **penitenza** u xi derivattivi tagħha bħal **penitenzerija** u **penitenzier.** Fi frażijiet bħal **faċilità penitenzjarja** jew **sistema penitenzjarja**, il-kelma penitenzjarja qed tintuża minflok ħabs u l-għeruq tagħha jinsabu fit-tradizzjonijiet legali Anglosassoni bħal fil-każ ta' ***state penitentiary*****.** Serracino-Inglott jispjega b'mod ċar li l-kelma penitenza u d-derivattivi tagħha m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-"kastigi" legali iżda għandhom x'jaqsmu mal-ksur tar-regoli tar-reliġjon. Interessanti ninnotaw li xorta waħda fit-tifsira tiegħu juża l-kelma legali "*piena*" u jgħid li l-penitenza hija **l-piena, il-kastig** f'għamla ta' xi talb jew ċaħda oħra li wieħed jagħmel biex ipatti għal ħtijietu, dnubietu eċċ.

Dwar **penitenzerija,** fejn tidħol it-traduzzjoni tagħha għall-Ingliż, l-iktar li tqarreb hi l-kelma **penitentiary** għaliex skont ESI din hija dinjità, kariga, post, uffiċċju ta' penitenzier, pereżempju tribunal fil-kurja tal-Vatikan taħt il-kardinal penitenzier li jaqta' kwistjonijiet ta' penitenzi u jagħti grazzji, dispensi, assoluzzjonijiet eċċ. ta' xi każi li jkunu riżervati[15].

Kelma tal-aħħar dwar il-fatt li diversi drabi f'Malta, minħabba nuqqas ta' riżorsi, il-liġi tiġi abbozzata minn esperti li mhumiex neċessarjament avukati. L-espert jgħaddi l-abbozz tiegħu lill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. F'dan l-istadju, l-abbozz jgħaddi minn proċess ta' qari tal-provi u jingħata xejra propjament legali. Iżda jista' jkun illi matul dan il-proċess jinqalgħu xi inkonsistenzi u għalhekk jista' jkun hemm lok għal xi żbalji fl-abbozzar tal-liġijiet bil-Malti meta dawn jiġu tradotti mill-Ingliż. Pereżempju, meta nqabblu l-Artikolu 29A tal-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti, il-Kapitolu 433 tal-Liġijiet ta' Malta[16] mal-istess artikolu bl-Ingliż ninnutaw li fit-traduzzjoni tal-Att jew tal-emendi sussegwenti mhux dejjem inżammet it-terminoloġija konsistenti għall-kelma *penalties* bl-Ingliż. Il-verżjoni Maltija m'għamlitx distinzjoni bejn penali u piena għax użathom daqslikieku jfissru l-istess ħaġa.

| | |
|---|---|
| Administrative penalties.<br>*Added by:*<br>*V. 2011.43.* | **29A....** (4) Any person on whom a notice under subarticle (1) is served who does not wish that proceedings in respect of the alleged offence shall be dealt with by the Court may by notice in writing served on the Director -<br>(*a*) admit the offence, and<br>(*b*) pay the amount of the **penalty** to the Director within thirty days after the notice of the penalty is served or after such subsequent period as the Director may determine. |

| | |
|---|---|
| Pieni amministrattivi.<br>*Miżjud:*<br>*V. 2011.43.* | **29A....** (4) Kull min ikun ingħatalu avviż taħt is-subartikolu (1) u ma jkunx irid li l-proċeduri għar-rigward tar-reat allegat isiru quddiem il-Qorti jista' b'avviż bil-miktub li jiġi notifikat lid-Direttur -<br>(*a*) jammetti r-reat, u<br>(*b*) iħallas l-ammont tal-**penali** lid-Direttur fi żmien tletin ġurnata wara li jkun ġie lilu notifikat l-avviż tal- |

[13] PIENA *n.f.s., pl. Pwieni*: ħlas ta' ħtija, mogħti bħala kastig, eċċ. (*Il-Miklem Malti*, Vol. V).
[14] Il-Kodiċi Kriminali, Il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[15] PENITENZERIJA *n.f.s., pl. - i* (Tal. Qad. Penitenzeria. Petr.' ufficio in Roma del penitenziere'); (*Il-Miklem Malti*, Volum V, J-L).
[16] http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8899&l=2 u http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8899&l=1

U fil-biċċa ta' wara eżatt erġajna qlibna għall-piena.

(5) Meta taħt dan l-artikolu persuna tammetti reat, id-Direttur jwaħħal lil dik il-persuna **piena ta' flus** għar-rigward tar-reat li tkun tammonta għal wieħed minn tlieta tal-ogħla piena li dik il-persuna kienet kieku teħel li kienet instabet ħatja tar-reat mill-Qorti.



(5) Where under this article a person admits an offence, the Director shall impose a **monetary penalty** on that person in respect of the offence amounting to one third of the maximum penalty to which the person would be liable if he were convicted of the offence by the Court.

Meta jkun hemm inkonsistenzi bejn żewġ verżjonijiet lingwistiċi, u tkun tinħtieġ interpretazzjoni tal-liġi, l-Artikolu 74 tal-Kostituzzjoni ta' Malta[17] huwa ċar:

| | |
|---|---|
| Ilsien tal-Liġijiet | **74.** Ħlief kif provdut xort'oħra mill-Parlament, kull liġi għandha ssir kemm bl-ilsien Malti kif ukoll bl-ilsien Ingliż u, jekk ikun hemm xi konflitt bejn it-test Malti u t-test Ingliż ta' xi liġi, it-test Malti għandu jipprevali. ▪ |

## Biblijografija


Serracino-Inglott, Erin. Il-Miklem Malti. Malta: Klabb Kotba Maltin, Vol. I (1975), Vol. IX (1989) u Vol. X (2003).
The international Library of Essays in Law & Legal Theory, Schools 10, Law and Language, Frederick Schauer, 1993, DArthmouth Publishing Company Limited. Law and the Language - I, The Law Quarterly Review, Glanville Williams, Page 97. "......"
Il-Miklem Malti, Volum V, J-L, Erin Serracino-Inglott, Klabb kotba Maltin.
The Maltese Legal System, Volume I, Profs. David Joseph Attard, Malta University Press.
Legal Traditions of the World, H. Patrick Glenn, Oxford University Press.



### Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà

Dan l-artikolu qed jinkiteb u jiġi kkomunikat għal skopijiet informattivi biss u bl-ebda mod ma għandu jitqies li huwa awtorevoli u li dak qed jingħad fih irid jiġi adottat fit-traduzzjonijiet bil-Malti tal-liġijiet tal-Kummissjoni Ewropea.


*L-awturi huma tradutturi mal-Kummissjoni Ewropea. Ħajr lil Ivan Said tas-suġġerimenti siewja tiegħu*

[17] http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=8566&l=2

# It-terminoloġija fl-UE: il-Kummissjoni Ewropea

Reuben Seychell



**Introduzzjoni**

It-tiswir sistematiku ta' termini ġodda f'ċentru terminoloġiku attiv, xi ftit jew wisq, jimpatta fuq l-iżvilupp tal-vokabularju f'lingwa. Madankollu, il-mira tat-terminoloġija fiha nfisha mhijiex il-vokabularju ta' lingwa għal skop ġenerali (LSĠ), imma ta' lingwa għal skop speċjalizzat (LSS) u dan, naturalment, jinfluwenza l-vokabularju żviluppat fil-livell tekniku. Il-LSĠ issewgi aktar il-forom tal-ħajja ordinarji, dawk meħuda mill-ħajja ta' kuljum ta' komunità jew soċjetà li tuża forma ta' lingwa naturali xprunata mill-metafori komunikattivi dominanti, spiss maħluqa mill-media globalizzata.

Għalkemm il-LSĠ, fil-kuntest ta' Malta, forsi għandha x-xejra ta' diglossija, fejn aktar milli lingwa unika, wieħed jieħu u jħallat mill-vokabularju ta' żewġ lingwi (il-Malti u l-Ingliż Malti), it-terminoloġija tuża għodod u riżorsi fil-lingwa irrispettivament minn dak li hu popolari, minn dak li jogħġob jew idoqq, u tisfrutta elementi kemm Rumanzi, kemm Semitiċi kif ukoll dawk ta' influwenza Ingliża. Fit-terminoloġija, l-interess huwa fir-rappreżentazzjoni konsistenti ta' nisġa ta' kunċetti, għal skop speċjalizzat u għal udjenza ferm iżgħar, li tirrispetta normi u prinċipji li ser nitkellem fil-fond dwarhom aktar tard.

**1. L-applikabbiltà tat-terminoloġija 'tagħna'**

It-terminoloġija hija pilastru importanti għas-servizzi tat-traduzzjoni professjonali u għall-kitba ta' standards tekniċi mill-industrija. Xogħolha huwa wieħed trasversali fid-diversi setturi tal-ekonomija globali u fid-diversi xenarji ta' politika aktar interdipendenti. It-terminologi (jew il-funzjoni tat-terminoloġija) ssibhom kemm f'ministeri u dipartimenti pubbliċi kif ukoll f'impriżi multinazzjonali bħalma huma l-manifattura tal-karozzi jew tal-materjal tal-fotografija, fost ħafna prodotti oħra[1]. Fis-settur pubbliku, partikolarment fl-UE, it-traduzzjoni ġabet magħha ħtieġa akbar għal ħidma fuq it-terminoloġija u, speċjalment għal-lingwi ż-żgħar[2], dan jissarraf fi sfida kontinwa biex jirrappreżentaw fil-lingwa tagħhom suġġetti u kwestjonijiet li qabel ma kinux jiġu trattati fid-dettall f'dik il-lingwa rispettiva.

Il-Malti (MT) jinsab f'dis-sitwazzjoni u, lil hinn minn kull retorika, nibtu neċessità u obbligu ġuridiku fejn, anki jekk f'Malta l-maġġoranza tal-Maltin jagħżlu li ma jużawx il-Malti

[1] Ngħidu aħna, tista' tfittex dwar l-ispeċjalizzazzjoni terminoloġika fl-industrija tal-karozzi fil-kumpanija BMW. L-interess prinċipali tal-industrija biex tippreżenta materjal informattiv fil-lingwa tal-konsumatur joriġina kemm mil-lat ta' kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll minn dak ġuridiku, fejn issib liġijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, bħal fl-UE, li jirrikjedu li l-informazzjoni fuq il-prodott jew dik li takkumpanjah tkun f'lingwa uffiċjali ta' dak il-pajjiż rispettiv.

[2] Bil-fażijiet ta' tkabbir mis-snin 90, l-għadd ta' lingwi żdied minn 9 għal 24. Kien hemm diversi inizjattivi nazzjonali biex tissaħħaħ l-infrastruttura terminoloġika rispettiva. B'mod partikolari nsemmu t-Terminologicentrum TNC fl-Iżvezja u d-Délégation générale à la langue française et aux langues de France li tinkludi l-Commission générale de terminologie et de néologie. Xi gvernijiet bħal dak Pollakk u dak Litwan stabbilew infrastruttura li tindirizza t-terminoloġija b'mod formali u uffiċjali, fejn jiġi provdut netwerk ta' esperti nazzjonali li jassisti fix-xogħol tat-terminoloġija.



f'suġġett partikolari, kull ċittadin Malti jiġi indirizzat bil-Malti fid-drittijiet u l-obbligi kollha li jappartjenu għalih. Dan ifisser li kull standard tekniku dwar kwalunkwe strument finanzjarju li jaffettwa x-xiri u l-bejgħ, dwar kif jiġi prodott l-inbid, dwar il-materjali li jintużaw fil-borom, fit-twaġen u fil-kontenituri tal-ikel, dwar il-karozzi li jistgħu jinxtraw jew jinbigħu, u dwar eluf ta' oqsma oħra, irid ikun bil-lingwa uffiċjali tal-qrati. Dan ħoloq il-bżonn ta' terminoloġija Maltija li tirreaġixxi għad-domanda tat-traduzzjoni[3].

Is-sitwazzjoni ta' diglossija (Fasold, 1990: 270) fil-MT fejn, minflok jinstab vokabularju MT, wieħed juża dak Ingliż (EN), fil-MT ħolqot lakuna kbira[4]: l-EN jintuża f'dominji tekniċi jew semitekniċi, u l-Malti jiddomina f'oqsma x'aktarx aktar vernakolari u tradizzjonali. Fid-dritt tal-UE mhuwiex possibbli li wieħed jarbitra dwar xi drittijiet jew obbligi jista' jagħżel, u għalhekk lanqas dwar x'jiġi tradott jew le.

Il-bażi ġuridika ta' dan ir-rekwiżit lingwistiku jinsab fi tliet strumenti: (1) it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (l-Artikoli 20 u 24) li jistabbilixxi d-drittijiet lingwistiċi taċ-ċittadini; (2) il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (l-Artikoli 21, 22 u 41); u r-Regolament tal-Kunsill Nru 1/1958 li jistabbilixxi li r-regolamenti u dokumenti oħra ta' applikazzjoni ġenerali jitfasslu fil-lingwi kollha uffiċjali.

Dawn id-dispożizzjonijiet lingwistiċi ġew sostnuti b'ġurisprudenza tal-UE. Hawnhekk qed nippreżenta biss il-prinċipji ewlenin li stabbiliet il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE (QtĠ):

- Il-verżjonijiet lingwistiċi kollha tal-leġiżlazzjoni tal-UE huma ndaqs fl-awtentiċità tagħhom, u għalhekk l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-UE tinvolvi t-tqabbil tal-verżjonijiet lingwistiċi differenti[5];
- Id-dritt tal-UE huwa *sui generis*, u daqstant ieħor it-terminoloġija li

[3] Id-dipartiment tal-MT tal-Kummissjoni Ewropea ġieli pproduċa aktar minn 70,000 paġna f'sena, u dan jeskludi l-paġni tradotti mill-istituzzjonijiet u l-entitajiet l-oħra tal-UE, fosthom il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-UE, il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti tal-Awdituri, il-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kumitati tar-Reġjuni u dak Soċjali u Ekonomiku, u ċ-Ċentru tat-Traduzzjoni.

[4] Lakuna li spiss twassal lil xi wħud f'kontroversji barra minn lokhom bħalma huma dawk dwar kif ser jinkitbu l-kliem li dieħel mill-EN.

[5] QtĠ, il-Kawża-283/81, CILFIT.

tirrappreżenta l-kunċetti tiegħu. Huwa għalhekk li t-terminoloġija tad-dritt tal-UE ma tissejjisx fuq it-terminoloġija ta' xi dritt nazzjonali. Għalhekk, terminu li jokkorri fid-dritt tal-UE mhux neċessarjament ikollu l-istess tifsira bħal fi dritt nazzjonali[6]. F'din il-kawża, il-QtĠ insistiet kontra korrispondenza interlingwi kelma-kelma, u favur rappreżentazzjoni ċara tal-kunċett kif elaborat fid-dritt tal-UE, li tinneċessita terminoloġija ġdida fil-lingwi mira sabiex ikun hemm distinzjoni ċara bejn terminu tal-UE u terminu ieħor li jista' jkun idoneu għall-kuntest domestiku. Ir-raġunament f'din il-sentenza tal-QtĠ wassal għall-punt li ġej;

- Id-dritt tal-UE jiġi interpretat uniformement fl-UE kollha għaliex japplika fl-Istati Membri kollha bl-istess mod[7], irrispettivament mit-tradizzjonijiet ġuridiċi nazzjonali preċedenti, abbażi tas-supremazija tad-dritt tal-UE kif definit fil-kawża ta' Costa v Enel u l-kawża ta' Van Gend Loos[8].

Ir-rekwiżiti lingwistiċi huma f'sintonija ma' prinċipji ta' dritt oħrajn, fost l-oħrajn mal-prinċipju ta' trattament ugwali quddiem id-dritt, mal-prinċipju tan-nonretroattività, u partikolarment mal-prinċipju taċ-ċertezza tad-dritt. Dan tal-aħħar jirreferi:

- għall-aċċettabbiltà tat-tifsira għall-ġudikatura;

- għall-prevedibbiltà, jiġifieri li wieħed ikun jaf x'jistenna mid-dritt, u l-evitar ta' lakuni li jwasslu għal miżinterpretazzjoni;

- għall-armonizzazzjoni tat-tifsira ġuridika f'sistema ta' dritt multilingwi.

Il-QtĠ ma tistax toqgħod fuq argumenti lingwistiċi li jibbażaw fuq it-tifsira ordinarja tal-kliem jew fuq il-lingwaġġ ta' kuljum biex tiġġustifika deċiżjoni tagħha dwar l-interpretazzjoni korretta, u dan minħabba n-natura multilingwi tad-dritt tal-UE[9]. It-"tifsira ordinarja ta' kelma" twassal għal tifsiriet diverġenti skont il-lingwa mira rilevanti. Tifsira ġuridika teħtieġ ċarezza, durabbiltà, u konsistenza, lil hinn mill-idjosinkrazija u spontanjetà tal-"logħbiet lingwistiċi"[10]. Dan kollu jista' jkun irrikonċiljabbli ma' xi kunċetti dwar il-lingwa, imma fir-realtà huwa rwol indispensabbli li l-lingwa teħtieġ taqdi fl-oqsma normattivi, xjentifiċi u teknoloġiċi. F'dan is-sens u f'dan il-livell, il-kelmiet isiru termini u jispustaw ruħhom minn LSĠ għal LSS. Għalhekk ir-rwol tat-terminoloġija huwa wieħed normattiv, fejn anki tqis l-ambitu semantiku tal-kliem jew tal-espressjonijiet, biex tittrasformahom f'terminoloġija rilevanti għal użu speċjalizzat, skont qafas ta' dominji.

Wieħed mill-każijiet li deher quddiem il-QtĠ kien li fid-Daniż "vehicle" ġiet tradotta bħala "vettura", li normalment tfisser "trasport fuq l-art", u jekk inkunu aktar speċifiċi "fit-triq". Dan kien f'kuntest tas-Sitt Direttiva tal-VAT 77/388/KE[11] dwar bażi uniformi ta' stima. Għad-Daniżi kien ċar li "vettura" ma tinkludix dgħajjes u għalhekk eżentaw il-parkeġġ ta' dgħajjes mill-ħlas tal-VAT. Il-QtĠ qatgħetha li dan huwa ksur tad-dispożizzjonijiet tal-UE, u li t-testi tad-Daniż, tal-Iżvediż, tal-Olandiż u tal-Grieg għażlu terminu aktar speċifiku minn dak maħsub fid-Direttiva kif rappreżentat fil-lingwi l-oħra u għalhekk iddikjarat li, irrispettivament minn xi jfisser fil-lingwa proprja, it-terminu użat jinkludi d-dgħajjes, eċċ. Għal Malti kienet tkun soluzzjoni faċli li wieħed juża "veikolu". Imma mhux ser nidħol f'analiżi tal-għażliet

[6] QtĠ, il-Kawża-29/69, Stauder v Ulm.
[7] QtĠ, il-Kawża-283/81, CILFIT.
[8] QtĠ, il-Kawża-4/64, Costa v Enel, QtĠ, il-Kawża 26/62 Van Gend Loos.

[9] QtĠ, il-Kawża C-341/04, Eurofood IFSC Ltd. Ara wkoll Paunio, 2010.
[10] Għal aktar dettall dwar it-teorija tal-logħbiet lingwistiċi, ara Wittgenstein, 1953, §7.
[11] QtĠ, il-Kawża C-428/02, Vestre Landsret – Danimarka, [2005] ECR I-01527.

terminoloġiċi tal-verżjoni MT ta' din id-direttiva fejn skorrettement intużat "karozza". Nuqqasijiet bħal dawn iwasslu għal refużjonijiet mhux dovuti ta' taxxa u sussegwentement sanzjonijiet għall-Istati Membri li jammontaw għal miljuni ta' ewro.

Fl-isfond tal-argumenti spjegati, il-qasam ta' interess tat-terminoloġija mhuwiex il-lingwa għal skop ġenerali (LSĠ), i.e. kif jintuża l-kliem, jew is-sinifikat tagħhom, f'kuntesti ta' intenzjonijiet komunikattivi ordinarji[12] bil-pletora ta' tifsiriet u sinifikati[13]; imma l-lingwa għal skop speċjalizzat (LSS) li:

teħtieġ aktar stabbiltà tul iż-żmien u konsistenza fl-użu, speċjalment fl-istess dominju;

tkun ta' natura normattiva aktar milli deskrittiva (kif ser nispjega aktar tard);

ma tħarisx lejn il-kelma (jew il-kliem) imma lejn termini rappreżentanti ta' kunċetti f'dominji tekniċi speċifiċi;

tkun anqas dipendenti fuq kuntest istantanju imma aktar dipendenti fuq is-suġġett li jkun qed jiġi trattat (Lerat 1995).

Huwa biss fil-livell ta' LSS li l-kliem isiru termini. Il-possibbiltà ta' sinonomija jew omonomija tal-LSĠ tixxejjen biex tippermetti anqas ambigwità u sinifikat aktar ċar. Kif jispjega Humbley (1997), il-kliem jew il-gruppi ta' kliem isiru termini meta jintużaw f'oqsma speċjalizzati u meta jikkorrispondu ma' kunċetti fl-istess oqsma, definiti b'rabta ma' dawk l-oqsma. It-tabella 1 ta' hawn taħt turi xi eżempji ta' kif il-korrispondenza interlingwi tinbidel meta wieħed jiċċaqlaq bejn LSĠ u LSS.

## 2. It-terminoloġija nnifisha

It-terminoloġija tal-UE hi miġbura fil-IATE[15], id-databażi tal-UE għat-terminoloġija. Kull lingwa tikkonsolida fiha t-terminoloġija li għandha tintuża fid-dokumenti tal-UE. Meta t-terminu ma jkunx fil-IATE, idealment dan jaħsbu għalih it-terminologi tal-istituzzjonijiet.

| EN | | MT | |
|---|---|---|---|
| **consideration** | LSĠ | *kunsiderazzjoni/qies* | |
| | LSS | *korrispettiv* | fid-dominju tas-saldu tal-obbligi finanzjarji |
| **general government** | LSĠ | *gvern + ġenerali* | traduzzjoni litterali li kieku wieħed jibbaża fuq fehim mil-LSĠ twassal għal "gvern ġenerali" jew f'formazzjonijiet aktar kumplessi bħal "general government debt" għall-iskorrettezza "dejn ġenerali tal-gvern" |
| | LSS | *amministrazzjoni pubblika* | it-terminu huwa stabbilit u definit f'liġi ta' Malta li tindirizza dan is-suġġett |
| **cost** | LSĠ | *spiża/nefqa* | fil-LSS huma ekwivalenti għal *expense/expenditure* rispettivament[14] |
| | LSS | *kost* | fil-kontabbiltà u d-dominji finanzjarji jkun skorrett li wieħed jelimina d-distinzjoni bejn *cost* u *expense*. It-terminu MT korrett ekwivalenti huwa *kost* (*expense* fil-LSS hija *kost li jiġi realizzat*, li jimplika trattament differenti fil-kontabbiltà) |
| **electricity** | LSĠ | *dawl* | |
| | LSS | *elettriku* | |

Tabella 1: Meta l-kelma ssir terminu

[12] Għal aktar dwar l-intenzjonijiet komunikazzjonali, ara Strawson, 1957.
[13] Għal aktar dwar 'tifsira' meaning u 'sinifikat' significance, ara Ogden & Richards, 1960.
[14] Għal aktar dwar dan, ara Seychell, l-aċċent, ħarġa 12, 2014.
[15] IATE (Inter-Active Terminology for Europe) http://iate.europa.eu

Madankollu mhuwiex umanament possibbli bir-riżorsi disponibbli. Allura, fejn jeħel, it-traduttur jistaqsi l-parir tat-terminologi (tali parir eventwalment jiddaħħal fil-IATE) jew jagħmel riċerka hu stess.

Fid-dipartiment tal-Malti (tal-Kummissjoni Ewropea) naqsmu l-funzjoni tat-terminoloġija fi tliet fergħat:

1. Appellazzjoni (tismija ta' korpi, karigi, strumenti, eċċ.): din tinvolvi ċertu livell ta' politika; dwar dan il-qasam hemm kumitat kompetenti li jirċievi proposti u jiddeċiedi dwar l-ismijiet.

2. Tassonomija: din tieħu x-xejra ta' appellazzjoni imma tiġi applikata wkoll l-analiżi ta' diversi fatturi u prinċipji tassonomiċi[16].

3. Terminoloġija: dan huwa s-suġġett ta' dak li fadal minn dan l-artiklu.

Il-ħidma terminoloġika nistgħu ngħidu li fiha żewġ funzjonijiet li fil-prattika mhux dejjem tkun tista' tifridhom:

**Terminografija**: ir-riċerka, ir-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni ta' termini kif jintużaw f'diversi dominji. Meta jiġi deċiż x'jiddaħħal jew le, jitqiesu żewġ punti: (a) dak li hu ovvju llum mhux bilfors jibqa' ovvju għada (aspett temporali); u (b) dak li hu ovvju għal lingwa mhux bilfors ikun ovvju għal lingwa oħra (aspett multilingwi tal-UE).

**Terminoloġija (ħolqien ta' termini)**: fejn ikun hemm lakuni terminoloġiċi, jiġi identifikat is-sinifikatur li jirrappreżenta bl-aħjar mod il-kunċett, u dan billi jiġu applikati l-għodod terminoloġiċi. Dan jinvolvi wkoll deċiżjonijiet dwar il-varjanti. F'li ġej ser niffoka l-aktar dwar dan.

[16] Dwar dan ara Seychell 2014.

Il-proċess terminoloġiku hu bħal ċirku ermenewtiku[17] fi tliet stadji. Għall-prattiċità tar-referenza, f'dan it-test ser insejħilhom hekk: (A) Fehim, (B) Dikostruzzjoni, (Ċ) Rikostruzzjoni.

### A. Fehim

Wieħed irid jaħkem "l-unitajiet tal-fehim"[18], il-kategoriji, taħt xiex jaqa' l-kunċett, u jiddetermina għal xiex tkun qed issir ir-referenza, xi jkunu l-elementi li jgħinuna nidentifikaw eżatti dwar xiex qed nitkellmu (pereżempju, għal xiex qed jirreferi l-kunċett "power"? Għall-kuntest tal-fiżika jew dak tal-politika? X'inhuma l-elementi essenzjali li jikkaratterizzawh?).

### B. Dikostruzzjoni

Wieħed jeħtieġ jikkuntrasta l-kunċett mal-*idées voisines*, kif isejħilhom Saussure (1965: 160), 'l-għajr' jew l-oppost (fil-loġika Hegeljana – ara Weiss 1974: 86-123)[19]; il-kunċett f'relazzjoni mal-kunċetti l-oħra "ġirien" (li jokkorru fl-istess nisġa ta' kunċetti) li proprju jsawru l-elementi distintivi (il-lingwa bħala sistema ta' differenzi). Dan jista' jsir b'diversi modi, fosthom billi tiġi mmappjata nisġa ta' kunċetti relatati (ara d-Dijagramma 1) jew jiġi mmappjat disinn tar-relazzjonijiet essenzjali bejn il-kunċetti, jew issir rappreżentazzjoni alġebrika, u kwalunkwe

[17] "Ermenewtiku" fis-sens li spjega Lorenzen (1987: 131) bħala investigazzjoni "dwar kif wieħed għandu jaqra test, meta wieħed jaqrah b'perspettiva xjentifika", u fi kliem Gadamer fi Truth and Method, (1989: 269) bħala "kompitu ta' … interrogazzjoni dwar l-affarijiet".

[18] Dak li jsawru dak li tradizzjonalment nifhmu bħala "kunċett". Għal aktar dwar dan ara Temmerman 2000: 73.

[19] De Saussure jargumenta li l-ekwivalenza bejn il-kliem hija minima: hija biss il-fdalijiet mill-operazzjoni tal-identifikazzjoni tad-differenzi. Derrida (1978) jelabora u jikkonja t-terminu "differance" (differ + ance) tat-tifsira, li għandha sinifikat doppju: it-tifsira tkun radikalment differenti (permezz tal-kuntrast/l-oppożizzjoni/l-għajr) u t-tifsira tkun differita, xi ħaġa li ssir in absentia, f'test lil hinn mill-"oġġett reali", bi tkomplija fuq il-propożizzjoni ta' Wittgenstein li d-dinja hija dinja tal-fatti mhux tal-oġġetti, u li "l-oġġetti huma s-sustanza tad-dinja imma mhux parti minnha" (Wittgenstein, 1933: §1.1).




Dijagramma 1: Mappa tal-kunċetti fuq l-eżempju ta' *fjuwil*

għodda li tiċċara d-differenzi. Eż. *accuracy*, li spiss tiġi tradotta bħala *preċiżjoni*, hija skorretta f'kuntesti xjentifiċi għaliex *accuracy* u *precision* (l-ekwivalenti lessika ta' *preċiżjoni*) huma rappreżentati b'formuli differenti, u għalhekk is-soluzzjoni korretta tkun *akkuratezza*. Sagrosanti huma:

1. il-prinċipju ta' ekwivalenza interlingwi: kunċett bil-MT ikun identiku għal dak tal-lingwa sors

2. il-prinċipju ta' sostitwibbiltà: jekk taqbad u tissostitwixxi t-terminu bid-definizzjoni, is-sinifikat tat-test jibqa' l-istess. (Ara Dijagramma 1)

Huwa għalhekk li l-kunċett huwa l-qofol ta' kollox, u jiġi ferm qabel it-terminu li jista' jirrappreżentah. Dan ifisser li d-definizzjoni hija l-parti essenzjali ta' kull entrata fil-IATE. L-ISO 704:2009 jiddistingwi bejn żewġ tipi ta' definizzjonijiet: dik estensjonali u dik intensjonali, bi preferenza għat-tieni waħda. Ġeneralment, definizzjoni estensjonali tippreżenta elenku ta' oġġetti (astratti jew reali) li jirrappreżenta l-kunċett u definizzjoni intensjonali tirrappreżenta l-kunċett skont l-elementi li jsawruh. Il-qlib minn definizzjoni tat-tieni tip għal definizzjoni tal-ewwel tip swiet lil Pluto l-istatus tagħha ta' pjaneta, għaliex Pluto ma kinitx tissodisfa l-kriterji elementali tal-kunċett ta' pjaneta.

Il-preferenza tagħna, mela, hija għal definizzjoni intensjonali. Kwalunkwe informazzjoni addizzjonali li titqies bħala definizzjoni estensjonali, jew inkella kull informazzjoni li tippreżenta negazzjoni ta' xi kwalitajiet (eż. "m'għandhiex propulsjoni esterna u ma tinqabadx mir-raġġ manjetiku tal-istilla"), normalment tiddaħħal bħala nota fil-livell tad-definizzjoni, aktar milli bħala definizzjoni.

**C. Rikostruzzjoni:**

Il-proċess terminoloġiku idealment iwassal biex jinbena terminu. Billi l-patrimonju terminoloġiku Malti huwa limitat meta mqabbel mal-eżiġenzi terminoloġiċi tal-kuntest tar-regolamentazzjoni u l-leġiżlazzjoni tal-UE, il-formazzjoni ta' termini bil-MT hija inevitabbli.

Fejn l-EN hija l-lingwa teknika operattiva, il-kuntest MT ma jipprovdilniex wisq sorsi ta'

dizzjunarji u pubblikazzjonijiet tekniċi bil-Malti li nistgħu nużawhom bħala sorsi awtorevoli. Ħafna drabi lanqas il-liġijiet lokali li jittrattaw suġġett speċjalizzat ma jkunu sors terminoloġiku awtorevoli għaliex:

1. jew it-test vinkolanti jsir bl-EN biss

2. jew ikun hemm inkonsistenzi interni u esterni fit-test

3. jew ikun hemm spariġġ bejn it-terminoloġija EN użata fit-test bil-MT u l-EN ta' sorsi Ingliżi u Amerikani.

Minn fejn nibdew biex nagħżlu terminu? Sakemm nilħqu pożizzjoni ta' livell ta' aċċettabiltà, dal-proċess jinkludi l-elenkar ta' diversi alternattivi li jitpoġġew għat-test tal-kundizzjonijiet mitluba mill-ISO 704.

Lista ta' alternattivi jista' jkun fiha:

- elementi minn xi dizzjunarju tekniku relatat bil-MT (fejn dan ikun disponibbli); nivverifikaw li l-kunċett li jirrappreżenta t-terminu MT ippubblikat huwa identiku għal dak fil-lingwa sors;
- termini minn testi ppubblikati: Eur-Lex, il-liġijiet ta' Malta, pubblikazzjonijiet oħra; u
- kostruzzjonijiet oħra.

Wieħed jista' juża diversi għodod għall-kostruzzjoni ta' terminu[20] fosthom:

1. il-morfoloġija: l-użu korrett tal-affissi: eż. depożitarju (il-persuna li tirċievi d-depożitu), depożitorju (fejn jinżamm id-depożitu), depożitant (il-persuna li tagħmel id-depożitu). Ara wkoll l-eżempji fit-Tabella 2 dwar is-sustanzi kimiċi.[21]

2. il-mudelli tal-kostruzzjoni u tal-formazzjoni ta' kliem: eż. to fit = tiffittja > to check = tiċċekkja / fitter = fiter > checker = ċeker / fitting = fittjatura > checking = ċekkjatura.

3. it-traskrizzjoni ortografika: b'kawtela u skont ir-regoli tal-kitba; eż. spid (fil-fiżika fid-distinzjoni speed vs velocity). Ma nittraskrivux Latin li normalment jitħalla *tale quale* fil-lingwi l-oħra. Nosservaw id-deċiżjonijiet mill-awtorità tal-lingwa dwar kliem adottat li ġej minn lingwi barranin.

4. it-traduzzjoni missellfa (il-kalki): din hija għodda popolari fil-lingwi kollha, partikolarment fil-lingwi l-kbar; eż. short / long position = pożizzjoni qasira / twila (fil-finanzi); threshold = soll (u diversi alternattivi oħra).

5. il-kostruzzjonijiet konjittivi: dan jinvolvi proċess ta' raġunar u għażla ta' terminu li jilgħab bejn il-metafora[22] u l-litterali. Dawn tal-aħħar huma metafori ssanzjonati[23] eż. fis-sens metaforiku: turntable/fifthwheel (tat-trakkijet tal-irmonk) = nagħla (mill-apparenza tagħha); fis-sens litterali: non-return valve (fl-inġinerija) = valv unidirezzjonali (fejn intagħżel aġġettiv differenti li jwassal għall-istess effett tal-oriġinal); powertrain (fl-inġinerija) = sistema ta' motopropulsjoni.

[20] Dawn napplikawhom fid-dipartiment tal-MT fil-Kummissjoni Ewropea. Japplikawhom ukoll entitajiet oħra tat-terminoloġija bħalma hija l-Commission générale de terminologie et de néologie of the Délégation générale à la langue française et aux langues de France. Għal aktar dettall dwar l-għodod ara: Seychell 2012, p. 151-158.

[21] Ara L-ismijiet tas-sustanzi kimiċi bil-Malti fil-Linji Gwida Interistituzzjonali http://ec.europa.eu/translation/maltese/guidelines/documents/chemical_substances_mt.pdf

[22] Il-metafori jwasslu biex ċerti elementi jispikkaw filwaqt li oħrajn jixxejnu (Lakoff 1980: 141).

[23] Biż-żmien il-metafori jiġu ssanzjonati u, apparti li jiġġeneraw l-lingwa u jwessgħu sinifikati rappreżentati, jiġu integrati bħala "litterali" (ara Fontanier Pierre, Les Figures du discourse, ikkwotat f'Ricoeur, 1977). Kif jgħid Rorty (1989: 60), "old metaphors are constantly dying off into literalness, and then serving as a platform and foil for new metaphors."

ir-rikunsiderazzjoni tal-ambitu semantiku: sigurtà (security) vs sikurezza (safety): fil-LSĠ ma ssirx distinzjoni bejn sigurtà u sikurezza. Iż-żewġ kelmiet ingħataw tifsira differenti biex jirrappreżentaw iż-żewġ kunċetti ta' security u safety, rispettivament.

6. l-inkrimentaliżmu: fejn terminu elementari jintuża biex tinbena kostruzzjoni aktar kumplessa eż. rated input power = potenza ta' input + nominali = potenza nominali ta' in-put; semi-free field sound power (semi-free field + sound power) = potenza akustika f'kamp semiliberu (potenza akustika + f'kamp semiliberu). Nistgħu ngħaqqdu: litterali + litterali (eż. non-return valve = valv unidirezzjonali); litterali + metafora (eż. shade band (fil-vetturi)= faxxa tad-dell); metafora + litterali (eż. seat back (fil-vetturi) = dahar is-sit); metafora+metafora (eż. coupling head = ras l-agganċ).

7. it-tqassir: eż. greenhouse gas => gass b'effett ta' serra => gass b'effett serra => gass tas-serra

| EN | MT | EN | MT |
|---|---|---|---|
| -amino- | amino- | -ane | -an |
| -ase | -ażi | -ate | -at |
| lact- | latt- | meth- | met- |
| octa- | otta- | -oic | -ojku |

Tabella 2: Eżempji ta' korrispondenza morfoloġika EN-MT fis-sustanzi kimiċi

| EN | MT |
|---|---|
| 2-(2H-Benzotriazol-2-yl)-4,6-bis(1-methyl-1- | 2-(2H-Benżotriażol-2-yl)-4,6-bis(1-metil-1-feniletil) |
| 6,7-Dihydro-5H-cyclopenta [b]pyridine<br>Methyl 3-aminothiophene-2-carboxylate | 6,7-Diidro-5H-ċiklopenta [b]piridina<br>Metil 3-amminotijofen-2-karbossilat tal-metil |

Tabella 3: Eżempji tal-applikazzjoni tal-affissi kimiċi



=> gass serra; effiċjenza fl-użu tal-ilma => effiċjenza fl-ilma (jew enerġija).

Fil-formazzjoni tat-termini nippruvaw nosservaw il-prinċipji li ġejjin, abbażi tal-ISO:704:

**1. it-trasparenza**: terminu trasparenti biżżejjed li mqar parzjalment jinftiehem mingħajr il-ħtieġa li tiġi rreplikata d-definizzjoni. F'ċerti każijiet wieħed jista' japplika t-test tar-retrotraduzzjoni tat-terminu għal-lingwa sors. Jekk it-terminu li jirriżulta joħloq omonomija f'dik il-lingwa, allura ma jgħaddix mit-test tar-retrotraduzzjoni. Fattur importanti ieħor għat-trasparenza fir-rigward ta' terminoloġija tal-UE huwa l-kuntest ġuridiku multilingwi, li jissejjes fuq ekwivalenza ġuridika tat-testi[24]. Għaldaqstant għodda importanti fil-formazzjoni tat-terminoloġija hija wkoll it-tiftix ta' ekwivalenza fl-għażla lessikali ma' lingwi oħra tal-UE. Il-fatt li t-terminu MT jkun fl-istess spazju lessikali tal-lingwi tal-UE, jgħin fit-trasparenza u l-garanzija ta' ekwivalenza interlingwi.

**2. il-konsistenza**: it-terminoloġija fi kwalunkwe suġġett ma għandhiex tkun arbitrarja jew kollezzjoni mħallta ta' termini, imma sistema koerenti ta' termini li tirrappreżenta sistema integrata ta' kunċetti, eż. fis-sustanzi kimiċi, l-affiss li jirrappreżenta l-ossiġnu jinżamm dejjem *ossi-*.

**3. l-idoneità** (rispett tar-reġistru): it-termini u l-appellazzjonijiet ikunu konformi mas-sinifikat

[24] Kif stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE fil-Kawża 283/81, CILFIT.

| EN | MT | Metodu | Kummenti |
|---|---|---|---|
| operative | operattiv | soluzzjonijiet morfoloġiċi applikati fuq lessemi eżistenti, li jisfruttaw potenzjalitajiet 'rieqda' fil-lingwa, sabiex jiġi speċifikat aktar l-ambitu semantiku għal sinifikat aktar akkurat | eż. operative measure (*miżura operattiva*) / measures in operation |
| operational | operazzjonali | soluzzjonijiet morfoloġiċi applikati fuq lessemi eżistenti, li jisfruttaw potenzjalitajiet 'rieqda' fil-lingwa, sabiex jiġi speċifikat aktar l-ambitu semantiku għal sinifikat aktar akkurat | eż. operational reliability (*affidabbiltà operazzjonali*)/ the reliability of operations |
| operating | operatorju | soluzzjonijiet morfoloġiċi applikati fuq lessemi eżistenti, li jisfruttaw potenzjalitajiet 'rieqda' fil-lingwa, sabiex jiġi speċifikat aktar l-ambitu semantiku għal sinifikat aktar akkurat | eż. operating theatre (*sala operatorja*, żgur mhux *sala operattiva* jew *sala operazzjonali*) /theatre for operations |
| sampling | kampjunar | *kampjunar*: minn "*kampjun*" (nom MT) + *ar* (morfema verbali) | tradotta wkoll bħala "*teħid ta' kampjuni*" |

Tabella 4: Eżempji oħra ta' soluzzjonijiet morfoloġiċi

mibni f'reġistru partikolari biex tiġi evitata konfużjoni jew ambigwità, eż. f'kuntest finanzjarju wieħed juża: *bejjiegħ*/*xerrej*, imma f'kuntest aktar ġuridiku jew notarili wieħed juża: *venditur/kompratur* (seller/ buyer); fil-każ ta' *provisions* fir-reġistru finanzjarju wieħed juża *provvedimenti*, filwaqt li f'reġistru ġuridiku wieħed juża *dispożizzjonijiet*.

**4. l-ekonomija lingwistika**: terminu għandu jkun kemm jista' jkun konċiż. Tul bla bżonn jista' jwassal għal insuffiċjenza jew devjazzjoni fis-sinifikat u jkun imprattiku għall-użu f'kuntest, u jrendi ruħu f'nonterminu. Forom qosra, speċjalment bl-evitar ta' partiċelli, iwasslu għal trasparenza akbar u l-evitar ta' ambigwità, partikolarment meta wieħed ikollu juża tali terminu bħala element f'terminu aktar kumpless biż-żieda ta' aġġettivi, eż. "akustika" twassal għal "akustiku" bħala aġġettiv allura fit-terminu "livell ta' pressjoni akustika ponderat-A" b'kuntrast ma' "livell ta' pressjoni tal-ħoss ponderat-A"; f'dan tal-aħħar ma jibqax evidenti l-"ponderat-A" jekk tirreferix għall-"ħoss" jew għal-"livell". Dan jiggarantixxi derivabbiltà u komponibbiltà aktar ċari u trasparenti, b'anqas ambigwità.

**5. id-derivabbiltà u l-komponibbiltà**: termini li jippermettu li minnhom jiġu derivati oħrajn jew li fuqhom jinbnew oħrajn, eż. "depożitu" jwassal għal "depożitant", "depożitarju", "depożitorju". Ara wkoll l-eżempji fil-punti 2 u 4 li għadni kif tajt hawn fuq.

Fi kwalunkwe każ u fi kwalunkwe ġudizzju terminoloġiku nippruvaw nosservaw dan li ġej:

1. **il-korrettezza lingwistika** (ir-regoli tal-kitba) u l-prinċipji tal-lingwistika (il-morfoloġija u s-sintassi).

2. **il-preferenza għal-lingwa nattiva**: il-formazzjoni tal-kliem u tal-espressjonijiet u l-idjomatika.

3. **il-monosemija**: fl-istess dominju, terminu jintuża għal kunċett wieħed biss u kunċett dejjem jiġi rappreżentat minn terminu preferut wieħed.

4. **l-evitar tal-omonimi** (termini bl-istess ortografija jew pronunzja li jirrappreżentaw kunċetti differenti; l-użu tar-retronimi).

5. fil-każ tas-**sinonimi** (termini differenti li jirrappreżentaw l-istess kunċett) dawn jiġu indirizzati permezz ta' **armonizzazzjoni**, fejn nistabbilixxu preferenzi favur terminu wieħed kontra l-bqija, u dan f'ġieħ il-konsistenza u ċ-ċarezza.

## Il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra

L-UE hija magħmula minn diversi istituzzjonijiet u barra s-servizz tat-traduzzjoni tal-Kummissjoni hemm l-oħrajn tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-UE, tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Bank Ċentrali Ewropew, tal-Kumitat tar-Reġjuni u ta' dak Soċjali u Ekonomiku, u taċ-Ċentru tat-Traduzzjoni. F'dawn kollha ssir it-traduzzjoni għall-Malti. It-tir tagħna bħala terminologi huwa li jkun hemm terminoloġija waħdanija tal-UE u mhux waħda għal kull istituzzjoni. Huwa proprju għalhekk li fil-linja tal-ISOs tat-terminoloġija, partikolarment dawk dwar l-istandardizzazzjoni, f'dawn l-aħħar snin ittieħdu diversi inizjattivi dwar il-konverġenza u l-istandardizzazzjoni.

Dal-proċess beda b'formazzjonijiet tematiċi ta' standardizzazzjoni u llum il-ġurnata ġie estiż fi pjattaforma elettronika ta' diskussjoni bejn it-terminologi tal-partijiet kollha tal-UE, li essenzjalment tittratta d-dominji kollha ta' interess għad-dokumenti tal-UE. Din il-pjattaforma għandha wkoll faċilità ta' konsultazzjoni ma' esperti lokali li jgħinu u jassistu fid-diskussjoni terminoloġika biex kemm jista' jkun tittieħed deċiżjoni effiċjenti u effikaċi għall-produzzjoni ta' test idoneu. ▪

**Biblijografija**

De Saussure, Ferdinand (1965), *Cours de Linguistique Générale*, Paris, Payot.
Derrida, Jacques (1978), *Writing and Difference*, UK, Routledge.
QtĠ, il-Kawża 283/81, CILFIT v Ministère de la santé [1982], ECR 3415.
QtĠ, il-Kawża C-341/04, Eurofood IFSC Ltd [2006] ECR I-3813.
QtĠ, il-Kawża 4/64 Flaminio Costa v E.N.E.L. [1964] ECR 1141.
QtĠ, il-Kawża 26/62, NV Algemene Transport- en Expeditie Onderneming van Gend & Loos v Nederlandse administratie der belastingen [1963], ECR 3.
QtĠ, il-Kawża Stauder v ULM [1969], ECR 419.
QtĠ, il-Kawża C-428/02, Vestre Landsret – Danimarka [2005] ECR I-01527.
UE, *Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*, ĠU C83/389, 30.3.2010.
UE, Regolament (KEE) No. 1/1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea.
UE, *It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*, ĠU C 83/47, 30.3.2010.
Fasold Ralph (1990), *The Sociolinguistics of Society (Language in Society)*, UK, Wiley-Blackwell.
Gadamer, Hans-Georg (1989), *Truth and Method*, (2.nd ed.) UK, Sheed & Ward.
Grupp Interistituzzjonali dwar is-Sustanzi Kimiċi (GISK) (2012), *L-ismijiet tas-sustanzi kimiċi bil-Malti*, *Linji gwida interistituzzjonali*, http://ec.europa.eu/translation/maltese/guidelines/documents/chemical_substances_mt.pdf
Humbley, John (1997), "Is terminology specialized lexicography? The experience of French-speaking countries", in *Hermes - Journal of Linguistics* no.18.
ISO 704, 2009: *Principes et méthodes de la terminologie*, Genève, Organisation internationale de normalisation (ISO/TC 37).
Lakoff George & Johnson Mark (1980), *Metaphors we live by*, USA, Univ of Chicago Press.
Lerat, Pierre (1995), *Les langues spécialisées*, Paris.
Lorenzen, Paul (1987), *Constructive Philosophy*, USA, The University of Massachusetts Press.
Ogden, C.K. & Richards, I. A. (1960), *The Meaning of Meaning*, London, Routledge & Kegan Paul Ltd.
Paunio, Elina & Lindroos-Hovinheimo, Susanna (July 2010), "Taking Language Seriously: An Analysis of Linguistic Reasoning and Its Implications in EU Law" in *European Law Journal*, Vol. 16, No. 4.
Ricoeur, Paul (1977), *The rules of metaphor*, UK, Routledge, 1977.
Rorty, Richard (1989), *Contingency, Irony and Solidarity*, USA, Cambridge Univ Press.
SEYCHELL, Reuben, "Neologising – a case study on Maltese", ippubblikat f'*Neologica – Revue internationale de néologie*, 2012, n 6, Classiques Garnier, Paris, 2012
SEYCHELL, Reuben, "Mudell tassonomiku", ippubblikat f'*l-aċċent*, Ħarġa 12, Novembru 2014, Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti tal-Kummissjoni Ewropea, http://ec.europa.eu/translation/maltese/magazine/documents/issue_12_mt.pdf
Strawson, Peter Frederick (1967), "Meaning and Truth", *Synthese*, UK, Oxford University Press.
Temmerman, Rita (2000), *Towards New Ways of Terminology Description*, Amsterdam, John Benjamins.
Weiss, Frederick G. (1974), *Hegel – The Essential Writings*, UK, Harper Publications.
Wittgenstein, Ludwig (1953), *Philosophical Investigations*, UK, Blackwell.
Wittgenstein, Ludwig (1933), *Tractatus Logico Philosophicus*, UK, Routledge.

*Reuben Seychell huwa t-terminologu tad-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea*

# Lejn mappa tad-dinja bil-Malti 3 - L-Amerka t'Isfel

Antoine Cassar



Ritratt miġbud minn Antoine Cassar

Il-mappa tad-dinja li għandi mal-ħajt ta' wara l-iskrivanija ma nixbax inħares lejha. Qisha kalendarju tal-avvent: wara kull ċappa kkulurita, taħt isem kull reġjun jew belt li nieħu pjaċir inlissen minn taħt l-ilsien, hemm mijiet, eluf, letteralment miljuni ta' stejjer reali u possibbli. U f'dawk il-postijiet li kelli x-xorti nżurhom, niftaħ bil-ħlewwa t-twejqa u nsib ukoll xi tifkiriet. Bħal dawk tax-xahar li qgħadt inħuf fl-Amerka t'Isfel bil-barżakka, nieżel max-xatt tal-Paċifiku miċ-ċpar ta' Lima sal-gżira mirjieħa ta' Tierra del Fuego, fid-direzzjoni opposta tal-Kurrent ta' Humboldt. Kelli pitazz blu, li qajla kont nitilqu minn idi. Imlejtu kważi kollu, imbagħad, ma nafx kif u ma nafx fejn, tliftu ftit wara li wasalt lura fil-kontinent 'il-qadim'. Għadni sal-lum noħlom li xi darba jitfaċċa xi mkien. Apparti ftit kelmiet li tgħallimt bil-Quechua, bl-Aymará u bil-Mapuche, fil-pitazz kont inniżżel ħsibijiet, ideat u esperjenzi, hekk, kif għixthom dak il-ħin, bl-Ispanjol, bl-Ingliż (l-ilsien komuni bejni u bejn min akkumpanjani fil-vjaġġ), u bil-Malti. L-ismijiet tal-postijiet naħseb kont niktibhom f'taħlita wkoll, skont il-każ. Ma niftakarx ormaj liema toponimi niżżilt bil-Malti. *Lago Titicaca* jew *il-Lag Titikaka*? *El Desierto de Atacama* jew *id-Deżert t'Atakama*? *La Patagonia Chilena* jew *il-Patagonja Ċilena*?

**L-Amerka vs. l-Amerika**

Li żgur niftakar, ħafna drabi kont nikteb "l-Amerka", u qatt "l-Amerika". Preferenza personali, iktar ekonomika, iktar ritmikament Maltija. Iż-żewġ forom aċċettati, ovvjament. Għandna l-espressjoni *"sab l-Amerka"* iżda dil-forma mhix biss idjomatika. Aquilina jippreferi l-forma żdruċċjola, u jagħti dik watja bħala varjant sekondarju. Fil-lista l-ġdida tal-ismijiet tal-istati nazzjon (l-Anness A5 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali), il-KNLM mar għall-forma *l-Istati Uniti tal-Amerka*, bl-i mwaqqgħa. Il-vokali terġa' tidħol fl-aġġettiv *Amerikan*, u ma nara xejn ħażin f'din l-inkonsistenza; il-forma *Amerkan* jidher li tintuża, iżda ftit li xejn: 5 okkorrenzi fil-korpus tal-MLRS, vs. 6,983 każ ta' *Amerikan*. (Wieħed jista' jmur ukoll għall-aġġettiv *merikon* li nsibu fl-*Ulied in-Nanna Venut fl-Amerka* ta' Juann Mamo, iżda dan żgur idjomatiku, jekk mhux ukoll spreġjattiv.) Gilson et al., fit-tieni edizzjoni tal-glossarju ta' termini ġeografiċi għall-iskejjel[1], għadhom indeċiżi fuq in-nom: f'paġna 44 ħdejn *South America* nsibu "*Amerka tan-Nofsinhar / t'Isfel jew Sud Amerika*". Huwa minnu li t-tieni forma hi iktar komuni: 1,400 vs. 5,816 fl-MLRS. Iżda 19.4% ma jikkostitwux eċċezzjoni. Fid-dawl ta' din l-istatistika, wieħed qajla jista' jargumenta li l-forma *Amerka* hija inqas 'edukata' minn *Amerika*. U lanqas inqas 'eleganti' – jekk xejn, hija l-forma żdruċċjola li tfixkel ftit iktar l-ilsien.

B'xorti ħażina (f'ġieħ l-eżattezza u r-rispett tal-popli), bil-Malti m'hemmx mod kif niddistingwu bejn l-*Amerikan* ċittadin tal-Istati Uniti u l-*Amerikan* abitant tal-Amerki; il-forma Taljana *statunitense* ma

[1] Gilson, E., DeBattista, R., Quintano, A., Buttigieg, M. & Spiteri Staines, T., 2013. *An English-Maltese Glossary of Terms used in the Teaching of Geography in Secondary Schools* (Directorate for Quality and Standards in Education).

jidhirx li qatt daħlet, u l-aġġettiv **Statunitjan* artifiċjali wisq biex jaqbad. L-Istati Uniti huma biss wieħed minn 35 stat sovran fiż-żewġ Amerki. Iżda din iktar kwistjoni ta' ġeografija politika milli fiżika, u kif stqarrejt mill-bidu nett ta' dan il-proġett, fit-toponomija politika nippreferi kemm jista' jkun ma nidħolx, għajr fejn bilfors hemm ċertu trikkib ma' dik fiżika (*il-Golf tal-Veneżwela, ix-Xmajjar Urugwaj* u *Paragwaj, l-Altipjan tal-Gujana*, eċċ.). Kemm niċċara li f'dan l-artiklu u f'li jmiss, nuża l-kelma *Amerikan* b'referenza għaż-żewġ kontinenti, ta' Fuq u t'Isfel.

### Ta' taħt fuq, ta' fuq taħt




(Sors: wikiart.org)

*It-Tramuntana tagħna hija n-Nofsinhar*. Tpinġija tal-artist Urugwajan Joaquín Torres García. Wara kollox, *ta' Fuq* u *t'Isfel* mhumiex għajr konvenzjoni...

Ta' Fuq u t'Isfel, jew t'Isfel u ta' Fuq? Liema tiġi l-ewwel? Il-fatt li l-mapep li mdorrijin bihom juru t-Tramuntana fin-naħa ta' fuq u n-Nofsinhar fix-xaqliba t'isfel ovvjament mhu xejn għajr konvenzjoni, li ġejja mill-invenzjoni tal-boxxla fis-seklu 13, u l-użu ta' "ta' Fuq" u "t'Isfel" fit-toponomija Maltija jimbotta din il-konvenzjoni pass ieħor lil hinn. Bl-Ingliż, *Upper* u *Lower* jirreferu aktarx għall-altitudni, mhux għall-pożizzjoni skont il-warda tal-irjieħ. Hi kif inhi, dan l-użu toponomiku ta' *Fuq* u *Isfel* bil-Malti tant hu mifrux li wieħed għalxejn jittanta jimxi kontrih biex taparsi jiżgiċċa xi ħjiel ta' ġerarkija, sfumatura li ormaj teżisti biss jekk wieħed tabilħaqq irid jaraha. U f'kull każ, *Fuq / Tramuntana* u *Isfel / Nofsinhar* mhumiex għalkollox interskambjabbli, kif indunajt meta ġejt biex nittraduċi l-*Cono Sud* jew *Southern*




Pittura © Fernando Vicente. Il-Kon tan-Nofsinhar bħala t-tromba ta' ljunfant. Issa nafu għala l-Passaġġ ta' Drake huwa daqshekk mirjieħ...

*Cone* (bl-Ispanjol, *Cono Sur)*, il-peniżola tawwalija forma ta' lenbut li tikkostitwixxi n-nofs "t'isfel" tal-Amerka t'Isfel. Meta għall-ewwel ktibt **il-Kon t'Isfel* ħassejtha ftit skomda; tissuġġerixxi li hemm ukoll il-kontroparti tiegħu, **il-Kon ta' Fuq*, iżda n-naħa "ta' fuq" tal-Amerka t'Isfel hija boċċa wiesgħa. (Il-*Cono Norte* jeżisti, iżda huwa żona metropolitana tal-belt ta' Lima, fejn *cono* tfisser distrett[2].) Biex ikun hemm element ġeografiku *t'Isfel*, irid ikun hemm ukoll *ta' Fuq*, għax jindikaw distinzjoni. Bħalma fiż-Żejtun hemm *ir-Raħal ta' Fuq* u *r-Raħal t'Isfel*. Fit-toponomija politika, hemm il-pajjiżi *l-Afrika t'Isfel, is-Sudan t'Isfel, l-Irlanda ta' Fuq*, iżda avolja l-kontropartijiet tagħhom ma jeżistux bħala stati nazzjon bl-isem korrispondenti, ġeografikament, jeżistu. Huwa għalhekk li għażilt l-isem *il-Kon tan-Nofsinhar*. Stajt għammidt il-peniżola wkoll **il-Lenbut tan-*

[2] "Según el Diccionario de la lengua española en su definición de 'cono', dice en su sexta acepción: *Perú. Sector del área metropolitana de Lima que se proyecta a partir del centro. Cono Norte, Este, Sur*." http://es.wikipedia.org/wiki/Cono_Norte_(Lima)

*Nofsinhar* – fuq suġġeriment ta’ Leli Forte fil-forum *Kelmet il-Malti* – iżda nkunu qed inwasslu l-metafora tas-sura tal-art tikka wisq ’il bogħod. (U żgur ma joqgħodx it-toponimu **il-Lenbut t’Isfel*, bl-ambigwitajiet kollha infeliċi tiegħu...)

**It-Taljan bħala l-lingwa pont għad-dinja ‘Latina’ ?**

Fl-ewwel artiklu ta’ din is-sensiela stħarriġt id-diffikultajiet ewlenin li nħabbtu wiċċna magħhom fil-ħolqien tat-toponimi, fosthom il-bżonn ta’ prudenza, kemm fir-riċerka u kemm fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Fit-tieni artiklu fassalt sett ta’ kriterji proviżorji għat-traduzzjoni, għat-trażlitterazzjoni jew għaż-żamma tat-toponimi minn lingwa pont jew oħra fejn ma jeżistux is-mijiet diġà stabbiliti bil-Malti, u applikajthom fuq l-Afrika, kontinent massiċċ iżda ‘kumpatt’ biżżejjed biex nittestjahom sew. Issa qsamna l-Atlantiku, bl-għajnuna tal-Irjieħ Aliżej, u se nkunu qed napplikaw l-istess kriterji fuq kontinent daqstant ieħor varjat fil-pajsaġġi li joffri, b’estremi li jmorru mill-iktar post niexef fid-dinja (id-Deżert t’Atakama) għall-iktar reġjun milwiem (il-Baċir tal-Amażon).

Il-kunċett tal-lingwa pont iddiskutejtu fid-dettall fl-ewwel żewġ artikli ta’ din is-sensiela. Fl-immappjar tal-Afrika, għajr fejn kien hemm is-mijiet Maltin diġà stabbiliti, imxejt kważi esklussivament fuq l-Ingliż. Għad-dinja Latina, il-morfoloġija Taljana tidher iktar xierqa, iżda sibt eċċezzjonijiet importanti fejn rebaħ il-parir tal-Ingliż. Ibda mill-famużissima xmara, li l-baċir tagħha jkopri 40% tal-kontinent. *El Río Amazonas*, plural bl-Ispanjol, kif ukoll bit-Taljan, *il Rio delle Amazzoni*, għax imsemmija għall-gwerriera nisa tal-mitoloġija Griega. Aquilina (EN-MT p. 62) jagħti *Amażonja* bħala isem ix-xmara, iżda jidhirli li dan huwa żball; dan in-nom jirreferi għar-reġjun, dak kopert mill-foresta jew ġungla, bit-Taljan *l-Amazzonja*, bl-Ingliż *Amazonia*. Xorta waħda, Aquilina adotta l-ħoss taż-ż imleħħna mill-Ingliż, mhux taz-zz truxa mit-Taljan. L-istess ħoss jinstema’ fl-isem Malti tax-xmara nfisha, *l-Amażon*, li mhux għajr tlissina la Maltija tan-nom Ingliż. L-istramberija hija li, fil-korpus tal-MLRS, ma ssib l-ebda okkorrenza tal-forma *Amażon* biż-ż, iżda biss **Amazon* mingħajr it-tikka (u mhux biss b’referenza għal ċerta impriża tal-bejgħ fuq l-internet), għalkemm *Amażonja* iva (7 okkorrenzi). F’dawk il-każijiet fejn il-forma **Amazon* tirreferi għax-xmara, niddubita kemm iz-z titlissen truxa flok imleħħna mill-awtur tas-sentenza, u nissuspetta li dak li jkun sempliċement ittajpja l-kelma bl-Ingliż. L-istess jgħodd għall-forma **l-Amazonja* mingħajr tikka, li titla’ 11-il darba, kollha meħudin minn gazzetta, bl-unika differenza li l-i Ingliża ġiet trażlitterata f’j, iżda t-trażlitterazzjoni baqgħet ma saritx għalkollox.

Eżempju ieħor fejn ħassejt li kelli nsegwi l-parir tal-forma Ingliża huwa isem il-gżira fit-tarf nett tal-kontinent, *Tierra del Fuego*. L-Ingliż iżomm l-isem Spanjol, filwaqt li t-Taljan jaqilbu għal *Terra del Fuoco*. Stajt faċilment qlibtha **Art in-Nar*, f’ġieħ il-poeżija, iżda hawnhekk tqum mistoqsija importanti ħafna, li biż-żgur se terġa’ tinqala’ aktar ’il quddiem f’dan il-proġett: fil-każ tat-toponimi tradotti, kemm irid jibqa’ jintgħaraf fihom l-isem bl-Ingliż, bit-Taljan, jew bil-lingwa (nazzjonali) tal-post? Il-fatt li l-isem **Art in-Nar* jinħass ’il bogħod ħafna, morfoloġikament, mit-toponimi korrispondenti fil-lingwi pont jew fl-ilsien ‘oriġinali’, għandu jitqies problema? X’aktarx li t-traduzzjoni **Art in-Nar* trendi l-post iktar eżotiku milli diġà hu, u t-tiftix tal-eżotiżmu mhuwiex il-punt ta’ dan l-eżerċizzju, anzi, għan ewlieni minnhom huwa li d-dinja l-kbira ssirilna aktar familjari billi naħsbuha, niddeskrivuha u nesperjenzawha bi lsienna. Huwa minnu li l-isem ta’ din il-gżira partikolari jinqaleb f’ilsna oħra (fr: *Terre du Feu*, de: *Feuerland*, hu: *Tűzföld*), iżda dawn mhumiex il-lingwi pont li rridu nħarsu lejhom bħala priżma fuq il-bqija tad-dinja. Il-mappa (u eventwalment, għala le, atlas ċkejken) li nixtieq noħloq mhijiex mappa bl-Esperanto, fejn wieħed jista’ jivvinta prattikament mix-xejn u jagħżel il-lingwa pont skont il-preferenzi ideoloġiċi jew poetiċi tiegħu (terġa’ u tgħid, għal raġunijiet politiċi, l-Esperanto spiss jevita l-Ingliż apposta...). Trid tkun mappa prattika, tad-dinja reali f’lingwa

| L-AMERKA T'ISFEL | (a) traduzzjoni kunċettwali | (b) trażlitterazzjoni | (a)+(b) | (ċ) tħollija fil-lingwa pont | (a)+(ċ) |
|---|---|---|---|---|---|
| reġjuni ġeografiċi | • il-Kon tan-Nofsinhar<br>• il-Foresta tal-Amażonja | • l-Atakama<br>• il-Patagonja | • id-Deżert t'Atakama<br>• tal-Patagonja | • Tierra del Fuego<br>• il-Pampas<br>• il-Llanos | • il-Peniżola ta' Valdés, ta' Taitao |
| oronimi | • il-Muntanji / il-Katina tal-Andi<br>• l-Altipjan Andin, Brażiljan, tal-Gujana<br>• il-Wied Imqaddes tal-Inkas<br>• il-Fondoq tal-Atakama (jew il-Fondoq Perù-Ċile)<br>• it-Telgħa taċ-Ċile | • l-Akonkagwa | • il-Muntanja Akonkagwa | • il-Gran Chaco<br>• is-Salar de Uyuni<br>• it-Torres del Paine | • il-Vulkan Chimborazo, Chaitén, Osorno<br>• il-Muntanja Roraima<br>• l-Altipjan tal-Mato Grosso<br>• il-Pass t'Uspallata (tal-Cumbre / Bermejo)<br>• ix-Xifer ta' Nazca |
| idronimi | • ix-Xmara Amażon, Paragwaj, Urugwaj<br>• il-Ħluq tal-Amażon<br>• il-Golf tal-Veneżwela<br>• l-Istrett ta' Maġellan<br>• il-Kanal ta' Panama | • it-Titikaka<br>• l-Orinoko | • il-Lag Titikaka<br>• il-Lag ta' Marakajbo<br>• ix-Xmara Orinoko | • ir-Río de la Plata<br>• il-Lagoa dos Patos | • ix-Xmara Paraná, Pilcomayo, Araguaia, Essequibo, São Francisco<br>• il-Kaskata Ángel<br>• il-Kaskati tal-Iguazú<br>• il-Ġibjun ta' Brokopondo<br>• id-Diga ta' Guri<br>• il-Glaċier San Rafael, Perito Moreno<br>• il-Golf San Matías, San Jorge<br>• il-Kurrent ta' Humboldt<br>• l-Istrett ta' Beagle<br>• il-Passaġġ ta' Drake |
| oħrajn | • il-Kap San Rokku<br>• (il-Gżejjer Malvini) | | • il-Kap Ħorn | • il-Falklands | • it-Tapp tad-Darién<br>• il-Ponta Gallinas, Pariñas, tas-Seixas<br>• il-Gżejjer Falkland<br>• il-Gżira Puná, ta' Chiloè, ta' Marajó<br>• l-Arċipelagu taċ-Chonos |

reali. Huwa għalhekk li f'dal-każ spiċċajt imxejt fuq l-Ingliż, li jħalli l-isem miktub kif inhu bl-Ispanjol, *Tierra del Fuego*. Hawnhekk jista' jkun li rebħet il-prudenza, jew jista' jkun li rebħet l-apprensjoni. Iż-żmien għad jagħti parir.

Hemm żewġ eżempji oħra fejn ħassejt li kelli ninqeda bl-Ingliż bħala l-lingwa pont, it-tnejn li huma marbutin parzjalment mal-Arġentina. L-estwarju li jifred dan il-pajjiż mill-Urugwaj, ir-*Río de la Plata*, bl-Ingliż jissejjaħ ukoll *River Plate*, avolja mhuwiex proprjament xmara iżda 'lenbut' fejn inixxu f'xulxin ix-Xmajjar Urugwaj u Paraná. L-ewwel isem użat mill-Ingliż huwa dak Spanjol, filwaqt li t-Taljan aktarx (iżda mhux dejjem) jadattah f'*Rio della Plata*. Hawnhekk ukoll, bħall-Ingliż, żammejt l-isem Spanjol, u evitajt eż. **ix-Xmara tal-Fidda*, sabiħa kemm hi sabiħa. Il-Franċiż, il-Ġermaniż u anki l-Ungeriż iżommu l-isem Spanjol ukoll. (L-Esperanto le: *Plata-rivero*). It-toponimu l-ieħor meħud mill-Ingliż huwa *l-Gżejjer Falkland*, jew *il-Falklands*, għas-sempliċi raġuni illi daħlu fil-kuxjenza ġeografika Maltija permezz tal-Ingliż. Billi dan tista' tgħid huwa isem iktar politiku milli proprjament fiżiku, l-isem Rumanz, *il-Gżejjer Malvini* (fuq it-Taljan *Isole Malvine*), jista' jitqies varjant.

Fis-sew, ftit huma t-toponimi Amerikani bil-Malti li segwew it-Taljan mingħajr influwenza mill-forma Ingliża jew ħarsa lejha. Hemm *l-Istrett ta' Maġellan*, bil-*ġ* bit-tikka flok mingħajrha, minkejja li l-/g/ Ingliża taqbel ma' tal-kunjom tal-esploratur Portugiż Fernão de Magalhães, li "skopra" dan l-għonq tal-ilma naturali bejn it-tarf taċ-Ċile kontinentali u Tierra del Fuego. Rigward l-isem tal-itwal katina ta' muntanji fid-dinja, li tibda fil-Kolombja – qrib ħafna tal-Istmu tal-Panama – u tispiċċa fi Tierra del Fuego stess (jew bil-maqlub), Aquilina (EN-MT p. 583) jagħti taħt l-entrata *cordillera* l-ispjega "*katina / sensiela ta' muntanji (l-aktar tal-Andes u fl-Amerka Ċentrali u l-Messiku)*". Ma nafx kellux f'moħħu t-tlissina Spanjola, jew inkella dik Ingliża, **l-Endiż*. Fit-tabella tal-p. 28, jista' jkun li l-forma *l-Andes* kellha tidħol fil-kolonna (c), flok *l-Andi* fil-kolonna (a). Madankollu, il-forma *l-Andi*, abbażi tat-Taljan *le Ande*, tintuża wkoll (fil-Wikipedia u fil-lista CITES tal-ispeċijiet ta' annimali protetti).

**Strett jew fliegu?**

Problema li ħabbtitni ħafna kienet id-distinzjoni li tista' ssir bejn il-korpi tal-ilma *kanal*, *strett*, *fliegu* u *passaġġ*. Ċerta konfużjoni fl-użu ta' dan it-tip ta' termini ġeografiċi huwa normali fl-ilsien Ingliż, fejn it-tradizzjoni kartografika ġieli tirkeb fuq l-eżattezza, u l-istess fit-Taljan u fl-Ispanjol. Għalina dan jista' jkun sors ta' frustrazzjoni, iżda ladarba qegħdin infasslu katalgu toponomiku skont kriterji (kemm jista' jkun) loġiċi, jaqbel li fit-terminoloġija tal-elementi ġeografiċi bil-Malti nkunu inqas ġeneriċi u iktar preċiżi, safejn hu possibbli u fattibbli. Fl-artiklu li jmiss għad nistudjaw id-differenzi bejn *golf* u *bajja* – id-distinzjoni bejn il-*gulf* u l-*bay* Ingliżi xejn mhi ċara, u ma taqbilx għalkollox mad-distinzjoni bejn il-*golfo* u l-*baia* Taljani –, anki għaliex, li kellna nqisuhom interskambjabbli, mhux talli tkunilna soluzzjoni faċli wisq, talli ma nkunux qed nirrispettaw l-art u l-ibħra li qegħdin nippruvaw nimmappjaw, u lanqas l-ilsien li bih qegħdin nimmappjawhom. B'mod simili, għalkemm *strett* u *fliegu* huma sinonimi u jikkorrispondu t-tnejn għal *strait(s)* jew *stretto*, it-tqabbil bejn diversi 'għenuq' tal-ilma jippermettilna nagħżlu bejniethom.

L-ewwel nett, il-kelma *kanal* tista' tinżamm għal dak mibni apposta, bħall-*Kanal ta' Panama*[3]. B'hekk, il-*Canal de Beagle* (en: *Beagle Channel*, it: *Canale di Beagle*), għonq ta' baħar naturali li jifred Tierra

[3] *Il-Kanal ta' Panama*, mhux *tal-*, għax il-kanal imsemmi għall-belt, mhux għall-pajjiż. Fil-fatt, huwa normali fil-Panama li min joqgħod barra mill-belt kapitali jgħid eż. "*mañana voy a Panamá*" ("għada sejjer sa Belt il-Panama"). Il-belt u l-pajjiż jaqsmu l-istess isem, bħalma hu l-każ ta' Lussemburgu, fejn id-distinzjoni ssir permezz tal-użu tal-artiklu ("*le Luxembourg*", "*au Luxembourg*" eċċ., b'referenza għall-istat, iżda "*ville de Luxembourg*"). In-nota tat-22.6.2015 li żdiedet mal-lista tal-istati nazzjon tal-Anness A5 tal-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali, "*il-Lussemburgu, belt kapitali: 'Lussemburgu' isir 'il-Lussemburgu'*" tħassibni.



Sors: letow.com

del Fuego minn gżejjer iżgħar ftit "'l isfel" minnha, jista' jissejjaħ *strett* (u fil-fatt, skont il-Wikipedia Ingliża, *"Beagle Channel is a strait in Tierra del Fuego Archipelago…"*). Hawnhekk tibda gradazzjoni f'termini ta' djuq, fi proporzjon mat-terraferma li tinsab f'xaqliba u oħra, iktar milli skont id-daqs proprju tal-medda baħar. Fi *fliegu*, il-baħar ma jidjieqx, proporzjonalment, daqs *strett* – tant hu hekk li jista' jkollok *fliegu* li jibda jew jispiċċa fi *strett* (bħalma hu l-każ, ngħidu aħna, tal-*Fliegu Ingliż* u l-*Istrett ta' Dover*). Dan ifisser ukoll li *fliegu* f'parti tad-dinja mhux bilfors ikun ikbar minn *strett* xi mkien ieħor – qabbel pereżempju *l-Fliegu t'Għawdex* mal-*Istrett ta' Ġibiltà*. Rigward il-medda baħar ta' bejn il-Kap Ħorn u l-Peniżola Antartika (żewġ 'trombi t'iljunfant' qishom qed isellmu lil xulxin minn 645 km bogħod), tista' titqies strett wiesa' jew fliegu kbir, iżda jaqbel li hawnhekk insegwu l-Ingliż, u abbażi ta' *Drake Passage* (es: *Pasaje/Paso de Drake* jew *Mar de Hoces*) nadottaw *il-Passaġġ ta' Drake*. Mill-ġdid kellna nevitaw it-Taljan, li (dejjem skont il-Wikipedia) jippreferi l-forma *Canale di Drake*, għalkemm jaċċetta wkoll *Passaggio* jew *Stretto di Drake*.

**Kap jew ponta, ras?**

Fl-Afrika rajna ħafna kapijiet (*il-Kap tal-Isperanza t-Tajba, il-Kap Agulhas, Blanc, Guardafui*...) fl-estremitajiet kardinali tal-kontinent. L-Amerka t'Isfel mhix nieqsa minnhom, iżda billi hija kontinent iktar ittondjat, it-truf tagħha huma inqas prominenti, b'żewġ eċċezzjonijiet. L-ewwel waħda hija l-*Kap Ħorn*, anki jekk proprjament dan ma jinsabx fuq il-kontinent iżda huwa gżejra ftit 'l isfel minn Tierra del Fuego, imsemmija għall-belt Olandiża ta' *Hoorn* wara spedizzjoni tal-baħħara Willem Schouten u Jacob Le Maire fl-1616. Hawnhekk ukoll kien hemm bżonn prudenza fir-riċerka: minkejja li t-tarf meridjonali tal-Amerka t'Isfel / Tierra del Fuego tista' tgħid għandu forma ta' qarn, il-*Kap Ħorn* ma jinsabx f'dak it-tarf iżda iktar lejn il-Lbiċ, u l-isem huwa nom proprju adattat mill-Olandiż. Bit-Taljan jibqa' l-istess, *Capo Horn* (la m'hemmx ħoss tal-h Ingliża fit-Taljan, importah għall-għan ta' dan l-isem); bl-Ispanjol safa adattat ukoll, *Cabo de Hornos*, li letteralment tista' tfisser 'il-Kap tal-Ifran' u b'hekk tista' tissuġġerixxi wkoll etimoloġija falza. Fil-każ tax-*Xmara Orange* li rajna bejn in-Namibja u l-Afrika t'Isfel, l-isem la qlibtu u lanqas it-trażlitterajtu għax ġej minn kunjom. Fil-każ tal-*Kap Ħorn*, l-H qtajtha għax it-toponimu ġej mill-isem ta' belt, u allura nqisu trażlitterabbli.

L-eċċezzjoni l-oħra, fl-ispalla tal-Grigal tal-kontinent, hija l-*Kap San Rokku*, tradott abbażi tat-Taljan *Capo San Rocco* (bil-Portugiż, *Cabo de São Roque*), ġaladarba msemmi għal qaddis. (Madankollu, *il-Golfi San Matías* u *San Jorge* tal-Patagonja Arġentina baqgħu bl-isem tal-qaddis mhux tradott, bħalma qegħdin fiż-żewġ lingwi pont, x'aktarx għax jinħassu 'lokali' wisq biex jiġu adattati/adottati fi lsien ieħor. Fejn tiġbed il-linja bejn it-toponimi traduċibbli u dawk li mhumiex skont kriterju ta' lokalità, importanza jew familjarità? Mistoqsija li se ndum ħafna ma nweġibha. Il-lingwi pont jipprovdu gwida, iżda r-risposta trid tiġi wara ħafna iktar ħidma ta' tqabbil.)

Iż-żewġ estremitajiet kardinali l-oħra tal-kontinent ma jissejħux *cabos* bl-Ispanjol, iżda

*puntas*, x'aktarx għax mhumiex daqshekk prominenti, fis-sens illi l-art ma taqbiżx 'il barra ħafna fil-baħar. Bħall-Ponta ta' Bengħajsa, fix-Xlokk ta' Malta, li mhijiex 'kap' bħall-Kap San Mitri, fil-Majjistral t'Għawdex. Fit-Tramuntana nett tal-Amerka t'Isfel, f'tarf il-Peniżola ta' La Guajira fil-Kolombja, insibu l-*Ponta Gallinas*, żona fejn tgħix il-komunità indiġena tal-Wayuu. Fl-iktar roqgħa fil-Punent tal-Ekwador u tal-kontinent sħiħ, insibu l-*Ponta Pariñas*, if-frekwentata ħafna mill-bumarini u mit-turisti. Madwar ix-xatt tal-gżejjer Maltin, għandna ħafna iktar 'irjus' milli kapijiet jew ponot. Għadni ma nafx fejn, fil-mappa tad-dinja, se niġi f'sitwazzjoni ġeografika fejn flok *Kap* jew *Ponta* nikteb proprju *Ras*. Kif rajna fit-tieni artiklu, *kap* u *ras* mhumiex ekwivalenti, għaliex *kap* jindika bidla sinifikanti fid-direzzjoni ġenerali tax-xatt, filwaqt li *ras* hija sempliċi promontorju.

### It-Tapp tad-Darién

Ir-reġjun li jimmarka l-fruntiera naturali bejn l-Amerka t'Isfel u dik Ċentrali, fuq l-Istmu tal-Panama, huwa ġungla tant folta li, skont il-metafora Spanjola (*el Tapón del Darién*, u dik Franċiża wkoll, *le Bouchon du Darién*), 'issodd' kull komunikazzjoni bejniethom. Tant hu hekk, il-famuża awtostrada 'Panamericana', li tibda fil-Bajja ta' Prudhoe, l-Alaska u tispiċċa f'Ushuaia, Tierra del Fuego (jew bil-maqlub), mhijiex kompluta iżda maqsuma fi tnejn, b'qasma ta' 87km proprju f'dawn l-inħawi tal-Panama. Hawnhekk la t-Taljan u lanqas l-Ingliż ma jaqduna bħala lingwi pont, għaliex l-ismijiet



Sors: Google Maps

tagħhom mhux talli ma jirriflettux il-metafora, talli jqarrqu: bit-Taljan, *il Passo del Darién* (iżda wieħed diffiċli jgħaddi minnu), u bl-Ingliż, *the Darien Gap* (hemm speċi ta' qasma, iva, iżda hija altru milli vojta). F'kuntest ġeografiku, il-kelma *Tapp* tista' tinħass stramba, iżda jidhirli li huwa l-iktar terminu xieraq u preċiż f'dan il-każ partikolari.



Ritratt via Tanja Contino

### Art fraġli

Biex tassew ngħixu f'dinja, irridu nifhmuha sew, niddeskrivuha u ngħixuha fi lsienna. Madankollu, iktar ma nindaga fl-intriċċi tat-toponomija bejn lingwa u oħra, iktar inħoss li m'iniex nirfes l-art soda li qed nittanta nim-mappja bil-Malti. Daqslikieku qed nimxi fuq il-fjuri, tant huma delikati t-tentufiet ġeografiċi u lingwistiċi. Baqa' ħafna mistoqsijiet li diġà saqsejna fl-artikli preċedenti, iżda li għadu kmieni wisq biex inweġbuhom b'konvinzjoni:

– Fejn niġbdu l-linja bejn toponimi traduċibbli jew trażlitterabbli, fuq naħa, u bejn toponimi li jaqblilhom jibqgħu fil-lingwa pont (jew fil-lingwa pont tal-lingwa pont...), fuq in-naħa l-oħra? Ngħidu aħna, iddeċidejt li nadatta għall-ortografija Maltija *l-Orinoko*, *l-Akonkagwa*, *il-Lagi Titikaka* u *Marakajbo*, għax inqishom elementi ġeografiċi ewlenin fuq il-mappa, filwaqt li ħallejt ħafna oħrajn bil-libsa Spanjola jew




L-Amerki, pittura © Fernando Vicente

Portugiża tagħhom, kif jagħmlu t-Taljan u l-Ingliż. Ir-risposta, jekk qatt naslu għaliha, mhix se tkun għalkollox oġġettiva. Kull kartografu japplika l-kriterji tiegħu stess, jew tal-istituzzjoni li jirrappreżenta.

– Fejn, fit-toponimi komposti, għandha tintuża jew tinqabeż il-partiċella *ta'* tal-appartenenza, u dik it-*ta'* fejn għandha tidher bl-artiklu? L-Ispanjol stess mhuwiex konsistenti f'dan: fil-Patagonja, bejn iż-żewġ golfi msemmija għal qaddisin, insibu l-*Península Valdés*, jew *de Valdés*. Anki l-ismijiet ta' dawk il-golfi, daqqa jidhru bid-*de* u daqqa mingħajrha (*Golfo [de] San Matías, [de] San Jorge*). Imbagħad, pereżempju, għala l-isem tad-deżert tat-Tramuntana taċ-Ċile s-soltu ma jiħux l-artiklu, ċjoè *el Desierto de Atacama*, iżda *el Desierto del Sáhara* iva, u dejjem?

– Mil-lat prattiku: tassew hemm bżonn li jidher l-artiklu quddiem kull toponimu fiżiku fuq il-mappa stess (għajr ovvjament fejn jintuża l-istat kostrutt), ladarba l-mappa, bħal tabella, tintuża għal skopijiet ta' referenza, u l-ħafna linji u snug jistgħu jfixklu l-għajn iktar milli jgħinu l-fehim? Xejn xejn, l-artiklu fuq il-mappa jindika fejn irid jintuża l-artiklu u fejn le - eż. *Tierra del Fuego*, bla artiklu għax isem ta' gżira, izda *il-Pampas, ir-Río de la Plata*, eċċ. Għalissa nibqa' tal-fehma li l-artiklu jinżamm, għal din ir-raġuni biss.

Fl-artiklu li jmiss naqsmu t-Tapp tad-Darién (jew induru miegħu bil-baħar, għax perikoluż), u nkomplu napplikaw il-kriterji fuq l-Amerka l-oħra, dik "ta' Fuq". Bit-tama li ma negħrqux f'xi golf jew bajja, aħna u nirfsu l-fjuri jżommu f'wiċċ l-ilma. Niftħu waħda waħda t-twieqi tal-mappa tal-avvent, u naraw xi nsibu.




Ħajr lil Mark Vella, Clyde Triganza, Louise Vella, Alan Delia, David Schembri, Stefan Buhagiar, Ian Zammit, u lill-membri tal-grupp Kelmet il-Malti (Facebook), għad-diskussjoni ta' ċerti proposti toponomiċi. U lit-tim u l-kontributuri kollha ta' l-aċċent, tal-paċenzja li jieħdu miegħi kull darba li nintilef fil-mappa.

Ħajr lil Mark Amaira tax-xogħol grafiku fuq il-mappa, inkluża bħala poster ma' din il-ħarġa ta' *l-aċċent*.

*Antoine Cassar hu traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

# MILL-GĦATBA 'L BARRA

*Aspetti Oħra*

## Kważi, kważi, anzi ċert, Simon Bartolo traduttur

Ivan Said

Lejn l-aħħar tas-sena l-oħra l-Merlin Publishers ippubblikaw *Kważi Kważi lil Tamara Nżommuha*, maqlub għall-Malti mit-Taljan minn Simon Bartolo, kollega traduttur tagħna fil-Web Unit tad-DĠT fi Brussell. Dan hu d-debutt ta' Bartolo fit-traduzzjoni letterarja. Bħal ħafna min-narrattiva li ħoloq Bartolo, dan ir-rumanz, li Georgia Manzi ħarġet fl-2013, hu dirett lejn l-adolexxenti.



"Ir-rumanz ta' Georgia Manzi huwa mimli b'kull tip ta' karattri li qatt ma tista' tgħid jekk humiex tajbin jew ħżiena, xi ftit bħalna insomma," tgħid nota fuq il-qoxra ta' wara tal-ktieb. "Il-kriżi ekonomika ssir sfond għal kriżi aktar personali fejn l-imħabba u t-tradiment, il-ferħ u s-sofferenza, il-ħajja u l-mewt jilagħbu flimkien. Fejn anki l-passat jiżfen mal-preżent, u fejn 2,500 sena ilu kien diġà jeżisti l-istessu!"

Il-ġurnalista Georgia Manzi, imwielda f'Foggia l-Italja fl-1967, tgħix f'Ateni ma' żewġha u t-tliet uliedha. Barra *Kważi Kważi lil Tamara Nżommuha* (*Io la signora Tamara la terrei*) kitbet u ppubblikat ukoll *Non avrò più paura*, *L'ultimo segreto* u *Il ladro*.

Lil Bartolo nafuh l-aktar għat-triloġija ta' *Il-Fiddien* li kiteb ma' Lorranne Vella: *Sqaq l-Infern* (2007), *Wied Wirdien* (2008) u *Il-Ġnien tad-Dmugħ* (2009). Bis-saħħa ta' din is-sensiela, deskritta minn uħud bħala l-Harry Potter ta' Malta, rajna ċertu qawmien ta' interess fil-qari miż-żgħażagħ. Fil-fatt, skont sorsi fl-industrija tal-ktieb Malti, is-sensiela kisret kull rekord ta' bejgħ ta' kotba Maltin f'Malta. Fl-2010 rebaħ il-konkors tal-kitba "Letteratura għaż-Żgħażagħ" bħala l-awtur uniku ta' *Kliem ir-Riħ*. Sena wara jagħtina l-ewwel rumanz tiegħu bl-Ingliż, *Deformity*, ukoll għaż-żgħażagħ, rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Kiteb 2013 fit-taqsima kotba tradotti u kotba b'lingwa barranija għat-tfal u l-adolexxenti.

Barra li hu traduttur u awtur letterarju, dan iż-żagħżugħ ta' dejjem minn Bormla, li qabeż l-erbgħin sew, hu wkoll drammaturgu: Wara l-Għid din is-sena, Bartolo tella' l-kummiedja li kiteb hu stess *Għajn Eye Three* fit-teatru tal-Kavallier ta' San Ġakbu. Dan id-dramm kien diġà ttella' b'suċċess fost iż-żgħażagħ fil-festival Żigużajg f'Novembru tal-2013. Fi Frar tas-sena l-oħra rajna d-dramm tiegħu *Jiena Nħobb*,




It-trijoloġija ta' *Il-Fiddien*. *Ritratt: Jasmine Bajada*
*http://thefictionologist.tumblr.com/post/54612551662/welcome-to-my-book-blog*

*Inti Tħobb* fit-Teatru Manoel. Din ir-rappreżentazzjoni teatrali, li qajmet bosta kontroversji minħabba t-temi li tmiss dwar is-sesswalità u l-IVF, kienet ta' suċċess kbir tant li reġgħet ittellgħet fl-istess staġun fl-istess teatru. Qed jingħad li dan huwa l-aktar dramm Malti fit-teatru Manoel li qatt biegħ biljetti.

Din li ssegwi hi l-intervista tiegħi ma' Simon Bartolo għal *l-aċċent*.

**Xogħlok traduttur mal-Kummissjoni Ewropea u issa, b'din it-traduzzjoni tal-ktieb ta' Manzi, int traduttur ta' narrattiva letterarja. Barra minn hekk, kellek suċċess b'żewġ kitbiet teatrali wkoll. Iżda int min int? Jew x'tixtieq tkun? Simon it-traduttur jew Simon l-awtur ta' kotba għaż-żgħażagħ u xogħlijiet teatrali?**

Ma naħsibx li nixtieq inkun xi ħaġa differenti milli jien. It-traduzzjoni nħobbha għax iżommni naħdem bil-lingwa imma fl-istess ħin trażżanni peress li hija speċifikament immirata lejn ix-xogħol tal-UE, unjoni li kont u għadni nemmen fiha. Inħoss sodisfazzjon li qed nagħti s-sehem ċkejken tiegħi f'din il-magna ekonomika u kulturali enormi u kburi ngħid li għandi din il-karriera. Min-naħa l-oħra l-kitba għat-tfal u ż-żgħażagħ inħobbha wkoll għax toffrili opportunità li nżomm kuntatt permezz taż-żjarat annwali li nagħmel fl-iskejjel. Dan ifakkarni fl-għeruq tiegħi bħala għalliem għal 10 snin qabel ma tlaqt minn Malta. Imbagħad hemm il-kitba għall-palk li hija l-iktar parti emozzjonali għalija peress li nsir naf ħafna nies interessanti, bħal atturi, diretturi, produtturi u organizzaturi ta' festivals, apparti mill-kuntatt mal-udjenza. Kemm ilni li tlaqt minn Malta ma tantx għadni nista' nidderieġi imma għall-inqas nikteb u kemm jista' jkun ninżel nara x-xogħlijiet tiegħi meta jittellgħu.

**Dan il-ktieb ta' Manzi hu dirett lejn iż-żgħażagħ, bħar-rumanzi tiegħek. Jekk il-letteratura hija l-arti tal-kitba, x'differenza tagħmel l-udjenza?**

L-udjenza tagħmel differenza kbira. Jekk rumanz ma jaqbadx l-interess u l-immaġinazzjoni tal-qarrej ma jkun jiswa xejn. Meta nikteb, kemm għall-palk kif ukoll għall-pubblikazzjoni, kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar, l-għan tiegħi dejjem ikun li nagħti gost. Jekk dak li nikteb ma jagħtix xi forma ta' pjaċir lill-udjenza li nkun immirajtu lejha, mela allura nkun fallejt.




Ma nħobbx nidħol f'argumenti dwar l-arti jew il-morali jew il-filosofija tal-kitbiet tiegħi; jiena nikteb biex noffri *entertainment*.

**Għaliex għażilt dan il-kiteb bħala l-ewwel ktieb tat-traduzzjoni letterarja tiegħek?**

Il-ktieb m'għażiltux imma ġejt offrut nittraduċih. Kulma għamilt kien li aċċettajt. Kont xortija tajba li ġejt offrut ktieb li, meta qrajtu, għoġobni. Kelli żewġ kriterji fil-fatt – li jogħġobni u li jkun differenti mill-kotba tiegħi għax b'hekk niffamiljarizza ruħi ma' stili/temi ġodda li normalment ma nkunx esplorajthom fil-kitbiet oriġinali tiegħi.

**Kull reġistru għandu t-terminoloġija tiegħu: xejn inqas it-taħdit taż-żgħażagħ. Kif tagħmel biex tifhem diskorshom, tislet it-termini tagħhom, saħansitra mit-Taljan, imbagħad taddattahom fit-traduzzjonijiet u l-kitbiet tiegħek?**

Kien ferm aktar faċli qabel għax (a) kont ngħix Malta, (b) kont iżgħar u (ċ) kont għalliem. Issa nħossni xi ftit maqtugħ fil-fatt. Però, permezz tat-teatru kif ukoll biż-żjarat fl-iskejjel, xorta nikkomunika maż-żgħażagħ.

**Aktar ma jgħaddi ż-żmien, aħna t-tradutturi aktar qed niflu l-Ingliż milli t-Taljan biex insibu t-termini li jkollna bżonn fit-traduzzjonijiet tagħna. Xi sfidi offrielek it-test Taljan, meta mqabbel ma' xi test Ingliż, meta ġejt biex taqleb dan il-ktieb?**

Lanqas ħsibt fiha l-ħaġa. Fil-fatt jiena ġieli għamilt xi traduzzjonijiet 2-way għall-WEB mit-Taljan għall-Ingliż. M'iniex fanatiku tal-kliem Ingliż miktub b'ortografija Maltija allura ma tantx għamlet differenza għalija. Madankollu nħoss li meta nittraduċi mill-Franċiż jew mit-Taljan għall-Malti, qisu iktar tiġi naturali u faċli l-ħaġa milli meta nittraduċi mill-Ingliż. Forsi l-fatt li aħna l-Maltin nitrabbew bilingwi, insibuha aktar faċli naqgħu fin-nasba li naraw kelma bl-Ingliż u naċċettawha kif inhi minflok nagħmlu sforz ċkejken biex insibu kelma Maltija.





Fil-ktieb dwar Tamara, kien hemm xi każ 'l hemm u 'l hawn li ħassejt li m'għandix naqilbu għall-Malti. Pereżempju din is-sentenza: "La casa, pur se definita da Clelia un *rez-de-chaussée*, un volgare piano terra, era molto grande" traduċejtha hekk: "Id-dar, għalkemm imsejħa minn Clelia *rez-de-chassée* jew terran vulgari, kienet kbira ħafna." Dan biex nuri li Clelia kienet qżież u tuża kliem Franċiż biex tkun tal-pepè, u għax ħassejt li peress li xorta se nuża l-kelma "terran" immedjatament wara t-terminu Franċiż, ma kienx hemm wisq periklu li l-qarrejja ma jifhmux.

F'mument ieħor kien hemm każ ta' onomatopea li ġegħelni nieqaf u naħseb. Dan hu l-kuntest: "Sotto le luci gialle i ragazzi sbuffavano, urlavano, a volte ridevano, ma quello che le piaceva soprattutto era il suono sordo del pallone quando veniva calciato. Si sentiva uno stumf e poi dei rumori strascicati, ruvidi e profondi."

It-traduzzjoni tiegħi hija hekk: "Taħt id-dwal sofor it-tfal kienu qed jonfħu, jgħajtu, u xi kultant jidħku, imma l-aktar li kien jogħġobha kien il-ħoss mutu tal-ballun meta jiġi xxuttjat. Kien jagħmel ħoss ta' *stumpf* u mbagħad ħsejjes ta' ċaqliq, goffi u profondi." Il-kelma *stumpf* ma tfisser xejn bit-Taljan allura użajt kważi l-istess ħoss b'kelma li bil-Malti ma tfisser xejn lanqas.

Aktar tard ħadt il-libertà li nittraduċi "autoritratto" bħala "stessu". Mhijiex xi libertà li nista' nieħu bid-dokumenti tax-xogħol!

**Beħsiebek tittraduċi xi xogħlijiet oħra għall-Malti? U hemm xi ċans li l-kotba tiegħek bil-Malti jinqalbu f'xi lingwa oħra?**

Għalkemm ħadt gost ħafna naħdem fuq il-ktieb ta' Manzi, għalissa għandi wisq x'nagħmel bħala xogħol oriġinali biex naqleb rumanz ieħor. Kumbinazzjoni dil-ġimgħa xi ħadd staqsa lili u lil Loranne Vella biex naqilbu *Saqq l-Infern* (u possibbilment il-bqija tat-triloġija) fi lsien ieħor. Issa naraw, għadu kmieni wisq biex ngħid aktar.

**Il-ktieb Malti, b'mod ġenerali, għamel progress kbir f'dawn l-aħħar snin. Taħseb li wasal iż-żmien li l-pajjiż jinvesti fit-traduzzjoni tal-ktieb Malti biex b'hekk ikun jista' jippenetra s-suq internazzjonali, speċjalment dak bil-lingwa Ingliża?**

Jiddependi. Ngħid għalija, s'issa dejjem bqajt lura milli nħalli l-kotba tiegħi jinqalbu għall-Ingliż għax huma miktubin speċifikament għat-tfal Maltin u ma tantx naraha tagħmel sens li jinqraw bl-Ingliż. Hemm biżżejjed kotba għat-tfal bl-Ingliż, ma naħsibx li hemm bżonn tiegħi. L-ikbar sodisfazzjon tiegħi jkun meta l-qarrejja jgħiduli li s-soltu ma tantx jaqraw bil-Malti imma li ħadu gost jaqraw il-kotba tiegħi. Kieku jinqalbu, dawn in-nies żgur li jaqbdu u jaqraw il-verżjoni Ingliża. Però m'iniex kontra li jiġu tradotti f'ilsna oħra.

Sa fejn naf jien, diġà jingħataw xi għotjiet għat-traduzzjoni ta' xogħlijiet Maltin fl-iskema "spreading words" tal-Malta Council for Culture and the Arts. ▪

# It-traduzzjoni ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti lejn lingwi oħrajn: ħarsa ħafifa ta' apprezzament

Paul Zahra

It-traduzzjoni tal-letteratura bil-Malti lejn lingwi oħrajn għadha relattivament fil-bidu tagħha billi ftit kienu dawk il-kittieba jew tradutturi Maltin li fl-imgħoddi ħarsu lil hinn minn xtutna biex joffru lill-barranin dak li jinħoloq lokalment. Issa li l-Malti ġie stabbilit u standardizzat u l-eżistenza tiegħu m'għadhiex tiddependi minn mentalità fejn tal-barrani tajjeb u ta' ġewwa ħażin, l-awturi qed jingħatalhom in-nifs u l-ispazju sabiex xogħolhom jiġi tradott lejn lingwi oħra. Il-ftit xogħlijiet li se nsemmi f'din il-kontribuzzjoni huma biss uħud milli ġew tradotti s'issa, u li ma nsemmihomx kollha fost l-oħrajn minħabba nuqqas ta' spazju. Madankollu, anki li kieku kelli nsemmihom kollha kemm huma, xorta jibqa' evidenti l-fatt li t-traduzzjoni mill-Malti lejn il-lingwi barranin għadha fi stadju embrijoniku.

It-traduzzjoni lejn lingwi barranin fil-każ tagħna tieħu mogħdijiet differenti milli jsir f'lingwi oħrajn mitkellma minn popolazzjonijiet ferm akbar minn tagħna u b'riżorsi li lanqas biss qatt noħolmu li jkollna. Fil-lingwi Ewropej – biex nillimita ruħi għal dan il-kuntest ġeografiku – li jiġri ġeneralment hu li t-traduzzjoni ħafna drabi ssir minn traduttur nattiv tal-lingwa mira li jkun studja l-lingwa sors li mbagħad jittraduċi t-test lejn il-lingwa ta' lsien pajjiżu. B'eżempju aktar konkret dan ifisser li traduttur Ingliż li jaf l-Ispanjol jittraduċi lil *Don Quixote* mill-Ispanjol għall-Ingliż.[1] Fil-każ tal-Malti, billi ftit huma l-barranin li għandhom ħakma tal-Malti u b'hekk jistgħu jaqilbu minnu lejn ilsienhom, it-traduzzjoni ta' spiss issir billi tingħażel waħda minn dawn l-erba' mogħdijiet:




a) it-traduzzjoni ssir mill-awtur Malti nnifsu kif se naraw fil-każ ta' Alfred Sant;

b) it-traduzzjoni ssir minn tradutturi b'ħakma bilingwi li jkunu ilhom jgħixu f'pajjiż barrani: eżempju tipiku hi Nadja Mifsud;

ċ) it-traduzzjoni ssir minn xi ħadd lokali li jkollu ħakma tajba tal-lingwa mira bħal Charles Briffa (lejn l-Ingliż) u Laurent Seychell (lejn il-Franċiż);

d) u, fl-aħħar nett, it-traduzzjoni ssir minn xi ħadd barrani bħall-Ġermaniż Michael Apweiler li għal dawn l-aħħar għaxar snin wera interess fi lsienna u baqa' jippersevera sakemm tgħallmu kif xieraq u b'hekk akkwista l-kompetenzi meħtieġa biex jittraduċi direttament mill-Malti għall-Ġermaniż.

Mhix eskluża l-possibbiltà li x-xogħol tradott mill-Malti lejn lingwi oħrajn jista' jkun qed isir b'dik li tissejjaħ *relay translation*, jiġifieri jkun traduzzjoni ta' traduzzjoni li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet tkun saret bl-Ingliż.

Bħala regola ftit huma l-awturi li jittraduċu xogħlijiethom. Alfred Sant daħal għal din l-isfida u ttraduċa b'suċċess ir-rumanz makabru u

[1] Għalkemm ma tistax tiġi eskluża l-possibbiltà li traduttur Spanjol, biex inkompli bl-eżempju, jittraduċi lejn l-Ingliż ix-xogħol ta' Cervantes. Madankollu l-proċess naturali tat-traduzzjoni jirrikjedi li t-traduzzjoni l-aħjar li ssir minn traduttur tal-lingwa mira li jkun speċjalizza fil-lingwa sors billi jidħlu kompetenzi fit-traduzzjoni li meta wieħed ikun barrani diffiċli jaħkimhom fil-lingwa mira. Hawnhekk il-qofol tas-suċċess hu kemm it-traduttur ikun jaf sew il-lingwa sors billi l-lingwa mira diġà hi innata fih.

satiriku tiegħu *L-Għalqa tal-Iskarjota* lejn l-Ingliż bl-isem *The Iscariot Field*. Ta' min jinnota hawnhekk li Sant jagħżel korrettament li jittraduċi l-isem tar-rumanz tiegħu kelma b'kelma, li mill-esperjenza tiegħi fit-traduzzjonijiet letterarji lejn il-Malti hi l-aħjar avviċinament fil-qlib ta' titlu letterarju billi dan ikun qed jagħti prijorità sħiħa lil dik li fit-teorija tat-traduzzjoni tissejjaħ l-ekwivalenza formali.

Din l-ekwivalenza tiġi stabbilita bis-saħħa tat-traduzzjoni lura (*back translation*). Traduttur li jippreferi jżomm it-traduzzjoni tiegħu lil hinn mill-adattament jeħtieġlu jżomm ma' din l-ewwel għażla[2] u ma jużax l-ekwivalenza dinamika ħlief meta assolutament ma jkollux l-għażla li jittraduċi t-titlu kelma b'kelma. It-traduzzjoni tat-titlu ta' rumanz, kif nispjega fl-introduzzjoni tiegħi ta' *Meaulnes it-Twil* / *Le Grand Meaulnes* ta' Alain-Fournier, ħafna drabi tinvolvi ħafna aktar diffikultajiet milli wieħed jinduna bihom mal-ewwel daqqa t'għajn.

Ir-rebbieħ tal-premju letterarju tal-Unjoni Ewropea 2011 *Fl-Isem tal-Missier (u tal-Iben)* ta' Immanuel Mifsud diġà ġie tradott bl-Ingliż bit-titlu *In the Name of the Father (and of the Son)* minn Albert Gatt u bir-Rumen minn Denisa Duran. Ix-xogħol ta' Mifsud se jkun ukoll tradott bil-Franċiż minn Nadja Mifsud Mutschler u bil-Maċedonu minn Vladimir Jankovski. Xogħol letterarju ieħor li s'issa ġie tradott bl-Ingliż hu dak ta' Herbert Ganado *Rajt Malta Tinbidel*. It-traduzzjoni ta' din l-awtobijografija saret minn Michael A. Refalo. L-isem *My Century* mogħti minn Refalo hu wieħed b'ekwivalenza dinamika.




Dan it-titlu, li hu adattament, jista' jiġi ġġustifikat billi prattikament dak li jirrakkonta Ganado jkopri l-medda tas-seklu għoxrin. Traduzzjoni letterarja oħra hi dik ta' Charles Briffa li qaleb għall-Ingliż *Il-Gidba* / *The Lie* ta' Oliver Friggieri. Reċentement ġie tradott ukoll bl-Ingliż, din id-darba minn Antoinette Pace, ir-rumanz *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* ta' Rena Balzan. Fit-traduzzjoni tagħha Pace għażlet li tittraduċi t-titlu tal-ktieb ta' Balzan bħala *Bonds in the Mirror of Time*[3]. Traduzzjoni interessanti li saret mill-Malti għall-Franċiż hi dik tal-ġabra ta' rakkonti *Ċpar* ta' Alfred Sant. *Ċpar* ġie tradott u annotat minn Laurent Seychell bl-isem *Le Brouillard*. Seychell jagħżel l-ekwivalenza formali tat-titlu tal-ġabra ta' rakkonti kif mogħti

[2] Dwar id-differenza bejn traduzzjoni letterarja u adattament letterarju nistieden il-qarrej ta' dan l-artiklu biex jaqra l-ktiba tiegħi "Traduzzjoni letterarja jew adattament letterarju? Tifsiriet, implikazzjonijiet u analiżi teoretika permezz ta' kampjuni testwali" fil-ktieb li għadu qed jiġi ppreparat għall-pubblikazzjoni *Aspetti tat-Traduzzjoni Maltija* (editur Charles Briffa, Horizons, 2015).

[3] Din it-traduzzjoni fiha introduzzjoni minn Charles Briffa li xi snin ilu kien ippubblika studju dwar *Ilkoll ta' Nisel Wieħed* bl-isem ta' *Il-Proża tal-Femminiżmu*.

mill-awtur innifsu. Kif jgħid Sant stess dwar dan il-proċess tat-traduzzjoni:

> Il-ħabib tiegħi l-Professur Laurent Seychell daħal għal ħidma diffiċli meta qaleb għall-Franċiż ġabra ta' rakkonti "Ċpar" li ħriġt bil-Malti mal-SKS is-sena li għaddiet. Wettaqha fi żmien qasir u ħariġha ktieb. Sa fejn naf jien, għamel kollox hu – li jrendi l-isforz kollu aktar impressjonanti[4].

Preżentament, Seychell għadu kif ħareġ ukoll f'volum wieħed it-traduzzjoni mill-Malti għall-Franċiż tad-drammi ta' Joe Friggieri *L-Għanja taċ-Ċinju* u *Caravaggio: L-Inkjesta*. F'din it-traduzzjoni tispikka wkoll it-traduzzjoni tat-titli taż-żewġ drammi li rispettivament ġew tradotti minn Seychell bħala *Le Chant du Cygne* u *Caravage: L-Enquête*. Hawnhekk nixtieq niftaħ parenteżi u nenfasizza li mhux faċli li wieħed jittraduċi mill-Malti lejn il-Franċiż bħalma mhux faċli li ssir it-traduzzjoni mill-Franċiż għall-Malti, speċjalment meta wieħed iqis in-nuqqas ta' sorsi lessikografiċi mill-Franċiż għall-Malti[5].




Verament hawnhekk it-traduttur kemm jekk ikun qed jittraduċi mill-Franċiż għall-Malti kif ukoll jekk ikun qed jittraduċi mill-Malti għall-Franċiż ikun qed jgħum fil-baħar waħdu. F'dan ir-rigward lil Seychell tassew ta' min jinżagħlu l-kappell.

Michael Apweiler, kollega Ġermaniż, li sirt nafu bejn l-2004 u l-2007 fl-Antenna tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta, qaleb għall-Ġermaniż xi poeżiji tal-kollega tagħna Antoine Cassar. Hu qaleb ukoll tliet stejjer qosra ta' Pierre J. Mejlak, rebbieħ tal-premju letterarju Ewropew tas-sena 2014, li ġew ippreżentati lill-pubbliku Ġermaniż waqt waħda mill-iljieli letterarji organizzati fir-Rappreżentanza tal-Kummissjoni f'Berlin.

Interessanti wkoll li t-traduzzjoni lejn lingwa oħra tista' tidher f'xogħlijiet ta' studji dwar awtur partikulari u mhux bħala pubblikazzjoni separata. Eżempju ta' dan hu *The Essential Oliver Friggieri* ta' Charles Briffa li jinkludi fih it-traduzzjoni bl-Ingliż ta' *L-Istramb* ta' Friggieri, bl-isem ta' *The Misfit*. Briffa editja wkoll is-sitt volum ta' *Lesser Used Languages of Europe* (sensiela internazzjonali ta' kotba maħruġa minn Francis Boutle Publishers ta' Londra) li jġib l-isem *This Fair Land – An Anthology of Maltese Literature*. Din l-antoloġija, ġabra komprensiva ta' madwar 200 test bil-Malti akkumpanjati minn traduzzjonijiet friski bl-Ingliż, tagħti kampjun wiesa' għall-aħħar tal-kitba Maltija mill-oriġini sal-lum, kif għarrafni Briffa stess, it-testi "juru l-moħħ Malti fi żminijiet differenti u juru x'kellu ħila jikseb dan l-ilsien minkejja l-iżvantaġġi politiċi u ideoloġiċi li kienu joħonquh[6]."

Briffa jemmen li t-traduzzjoni mill-Malti lejn lingwi oħrajn toffri l-opportunità li l-kultura, l-istorja u t-talenti Maltin joħorġu lil hinn mill-gżejjer tagħna. Il-letteratura Maltija hi parti essenzjali minn dak li jagħmilna Maltin. Għalhekk jekk irridu nuru li neżistu fl-oqsma tal-letteratura u tat-traduzzjoni letterarja fil-livell internazzjonali jeħtieġ li tiżdied it-traduzzjoni mill-Malti lejn lingwi oħrajn. L-idea li dan hu possibbli tgħin biex il-kittieb lokali jtejjeb il-prodott tiegħu. Il-possibbiltà li xogħlu jista' jiġi tradott tagħmlu konxju li se jkun qed jesponi lilu

[4] http://www.inewsmalta.com/dart/20141113-korruzzjoni 13-11-2014
[5] L-aħjar tentattiv s'issa fil-kamp lessikografiku Malti-Franċiż u Franċiż-Malti hu ta' Joseph Cutajar.

[6] Informazzjoni ġentilment mogħtija lili minn Briffa f'email dwar dan l-artiklu.

nnifsu lil hinn mill-insularità protettiva li normalment jopera fiha; b'hekk ikun fl-interess tiegħu li xogħlu jħabbatha kemm jista' jkun ma' dak ta' kittieba barranin. Din il-possibbiltà tgħin ukoll sabiex ir-riżorsi lingwistiċi li jeżistu f'pajjiżna jitħaddmu fil-kamp tat-traduzzjoni biex b'hekk jintużaw *talenti* li għadhom *midfunin*.

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu qasir billi għal darb'oħra nikkwota lil Sant li b'referenza b'mod partikulari għat-traduzzjoni ta' Seychell u b'mod ġenerali għat-traduzzjoni mill-Malti lejn lingwi oħrajn jgħid li:

> It-traduzzjoni ta' kitba Maltija fi lsien ieħor hi avventura iebsa ħafna u ma tantx issib appoġġ. Suppost tgħin biex il-Malti jsir aktar magħruf fil-bqija tal-Ewropa... Għadna lura sew milli naslu sa din il-mira[7].

Sfortunatament din hi l-qagħda li ninsabu fiha f'dan il-qasam partikulari tat-traduzzjoni. Madankollu l-ammissjoni ta' dan l-istat ta' fatt – minna li ninsabu involuti fil-qasam tat-traduzzjoni letterarja – hu sinjal tajjeb għax ladarba aħna konxji minn din il-problema nistgħu nagħmlu sforzi biex negħlbuha gradwalment.

Mezz li bih il-pubblikaturi jistgħu forsi[8] jakkwistaw fondi għat-traduzzjonijiet letterarji hu billi jikkuntattjaw lid-Direttorat Ġenerali EAC li għandu fondi disponibbli biex pubblikaturi interessati f'xogħlijiet letterarji u kulturali jingħataw appoġġ finanzjarju. Iżda l-appoġġ finanzjarju mhux kollox u xorta waħda "l-avventura tibqa' iebsa".

*Paul Zahra huwa traduttur fl-Unità Web tal-Kummissjoni Ewropea*

[7] http://www.inewsmalta.com/dart/20141113-korruzzjoni 13-11-2014.
[8] Qed ngħid forsi għax hemm bosta kriterji li jridu jiġu osservati.

# Giuseppe Cannolo[1]: Il-ġenju eċċentriku traduttur u l-interpretu tal-iskjavi

Ivan Said

L-ewwel Vanġelu bil-Malti nafuh lill-Protestanti li ħallsu t-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni tiegħu fis-seklu dsatax. Fl-1822 iċ-*Church Missionary Society* (CMS)[2], l-għaqda Anglikana attiva dik il-ħabta f'Malta, ħarġet *Il Vangelo di Nostro Gesù Cristo secondo Giovanni, tradotto in lingua italiana e maltese secondo la volgata*[3], stampat f'Londra għand R. Watts. Fil-fatt dan huwa "il-Vanġelu ta' San Ġwann ta' Can[n]olo bit-traduzzjoni Maltija u t-test Taljan bil-Martini[4] f'żewġ kolonni paralleli." (Sant, 1975: 25)

Ir-Rev. W. Jowett, li kien imexxi s-CMS dak iż-żmien, f'ittra lill-Professur Samuel Lee tal-Università ta' Cambridge, jiddeskrivi lil Giuseppe Cannolo bħala eċċentriku, diffiċli li ma

[1] Insibu diversi verżjonijiet ta' ismu, bi wħud jinkludu t-tieni isem, u saħansitra fir-riċerka kunjomu daqqa jinkiteb Canolo u daqqa Cannolo iżda Ganado, bir-riċerka dwaru fl-2009, qatagħha darba għal dejjem u jgħid li ismu hu Giuseppe Cannolo: dan hu l-ewwel isem li jidher fiċ-ċertifikat tal-magħmudija tiegħu u barra minn hekk rajnieh kemm-il darba jiffirma Giuseppe Cannolo.
[2] Iċ-*Church Missionary Society* (CMS) daħlet f'Malta fl-1815 bl-iskop li xxerred l-Anglikaniżmu fil-Mediterran u waqqfet stamperija f'pajjiżna fl-1822 (Vella, 2006: 37).
[3] "*La volgata*" tfisser hi l-verżjoni uffiċjali tat-traduzzjoni mil-Latin tal-Bibbja tal-Knisja Kattolika: il-*versio vulgata*, li tfisser 'it-traduzzjoni l-aktar użata' li fis-seklu sittax ġiet ipproklamata uffiċjalment bħala l-verżjoni Latina definittiva tal-Bibbja tal-Knisja Kattolika (http://en.wikipedia.org/wiki/Vulgata).
[4] Din hi t-traduzzjoni tal-Bibbja mill-*volgata* għat-Taljan mill-Arċisqof ta' Firenze u l-biblista Antonio Martini, imwieled fi Prato, it-Toskana fl-20 t'April 1720 u miet f'Firenze fil-31 ta' Diċembru 1809. It-traduzzjoni tiegħu tal-Bibbja għat-Taljan, formalment approvata mill-Papa, kienet tintuża ħafna fl-Italja għal xi żewġ sekli (http://en.wikipedia.org/wiki/Antonio_Martini) u ġiet ippubblikata bejn 1769-1781 (http://en.wikipedia.org/wiki/Bible_translations_into_Italian).

| TQABBIL TAL-ISTESS SILTA MINN TRADUTTURI DIFFERENTI | | |
|---|---|---|
| ***Traduttur*** | ***Silta mill-Evanġelju ta' San Ġwann, il-Kapitlu VI, il-Vers 9*** | ***Sors jew l-edizzjoni minn fejn meħuda s-silta*** |
| GIUSEPPE CANNOLO | Hawna tfajjel, li hu għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet; emma dawna xinhuma għal ġimgħa hekk kbira tan-nies? | Mill-edizzjoni tal-1822 kif traskritta minn Cremona (1975:106) |
| MIKIEL ANTON VASSALLI | Hawn tifel, li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u ħutejn: iżda dawna xinhuma bejn kotra nies hekk kbira? | Mill-edizzjoni tal-1829 kif traskritta minn Cremona (1975:105) |
| L-GĦAQDA BIBLIKA | Hawn tifel li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet żgħar: imma dawn xinhuma għal daqshekk nies? | Diretta mill-edizzjoni tal-1984, it-Testment il-Ġdid, paġna 112 |
| MONS PIETRU PAWL SAYDON | Hawn tfajjel hawnhekk li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet; imma dawn x'inhuma għal dawn in-nies kollha? | Diretta mill-edizzjoni tal-1995, it-Testment il-Ġdid, paġna 89 |

taħsbux miġnun u ġenju tant li ma kellux paċenzja jkun għalliem sistematiku. Dejjem skont Jowett, Cannolo kien studja l-Għarbi u fi żmien l-Ordni kien interpretu għall-iskjavi Torok. Mid-dehra, dan ix-xwejjaħ li kien jgħix fil-faqar kien jitkellem bit-Taljan iżda mhux bl-Ingliż. Kien intiż sew fil-lingwi orjentali[5]. (Sant, 1973-1974: 8). Barra minn hekk, Cannolo kien deskritt bħala "*professor of languages, a very well informed man and a good scholar of Sacred Scriptures*".

Ġie deskritt ukoll bħala "*very clever, not only in ancient and oriental languages, but also in all branches of Divinity*". (Sant, 1975: 23)

Cannolo kien qaleb it-Testment il-Ġdid u kważi t-Testment il-Qadim kollu (Sant, 1975: 24). Minkejja li ċ-*Church Missionary Society* qabbditu jaqleb għall-Malti t-Testment il-Qadim, il-Vanġelu ta' San Ġwann u *L-Imitazzjoni ta' Kristu* ta' Thomas Kempis, fil-fatt stampatlu biss il-Vanġelu ta' San Ġwann. (Vella, 2007: 159) Id-distribuzzjoni ta' dan il-Vanġelu f'Malta "ltaqgħet ma' oppożizzjoni qawwija sew min-naħa tal-Knisja [Kattolika] Maltija sew min-naħa tal-Gvern [Ingliż]" u dan minkejja li Cannolo qalbu mill-*volgata* biex, skont il-prinċipju tal-Protestanti, ma jiġux offiżi s-sentimenti tal-Kattoliċi. Il-kwalità vera tat-traduzzjoni prodotta minn Cannolo mid-dehra ma nistgħux inkunu nafuha b'mod eżatt għax fil-


IL VANGELO

GESÙ CRISTO,

SAN GIOVANNI;

LONDRA:

---

5 Jidher li kien Dr Cleardo Naudi li laqqgħu mar-Rev. Jowett. Naudi, l-ewwel professur tal-kimika tal-Università ta' Malta, kien stieden lill-*British and Foreign Bible Society* u liċ-*Church Missionary Society* jiġu Malta. (Sant, 1973-1974: 9).


LA VIA SAGRA
TRADOTTA IN MALTESE
DA
GIOSEPPE MARTINO
CANNOLO.


IL VIA SAGRA,
U IT-TRIEX GHAZIZA
Li ghamel Sidna u Mulejna
GESU CRISTU,
Fiz-zmien tal passioni, u it-tbatia, il bharscia tighu-ghal fidua tar-ruhh taghna; migiuba fil malti ghal git tad-devoti tal passioni ta Sidna GESU CRISTU.
F' MALTA
Bissentia tas-Superiuri.
1796.

Il-qoxra ta' barra: skont Ganado, l-isem Gioseppe Martino Cannolo, ma jidhirx fiċ-ċertikat tat-twelid ta' Cannolo li barra dak primarju ta' Giuseppe, kellu dawk sekondarji, Paolo u Calcedonio, u ma jidhirx li qatt reġa' użah. (2012: 32) Skont Vella, kuntarjament għall-edizzjonijiet ta' qabilha li ġew stampati f'Ruma, f'din l-edizzjoni naraw in-nuqqas tat-tipi bis-sinjali dijakritiċi peress li jidher l-istamperija tal-Ordni ma kellhiex tali tipi. (2007: 160)

fatt it-testi tiegħu ġew riveduti ħafna kemm qabel il-pubblikazzjoni kif ukoll wara. (Sant, 1975: 25, 31).

Dwar din it-traduzzjoni tal-Vanġelu ta' San Ġwann ta' Cannolo, il-biblista Pietru Pawl Saydon jgħid: "Can[n]olo mexa bil-ħsieb li jfisser bir-reqqa t-test Latin u b'mod ċar u ħafif mingħajr ma qagħad ifittex it-tirqim ta' stil. Xi tibdil ċkejken, bħalma ngħidu aħna, taqlib ta' kliem, tibdil ta' kelma ma' oħra, tħassir ta' kelma żejda, u żieda ta' partiċella, kien isebbaħ u jagħti qawwa lill-kliem ... iżda wieħed jistqarr illi t-traduttur [Cannolo] xi mindaqqiet jikser il-ħemda tal-istil billi dlonk il-kliem jibnih fuq ix-xeħta Semitika. Fuq hekk it-traduzzjoni ta' Can[n]olo tiġi ħabtet tisboq lil dik ta' sieħbu Vassalli li għex u kiteb fi żmienu u miżmum bħala traduttur aħjar minnu." (Cremona, 1975:106)

Dan l-ewwel traduttur tal-Vanġelu ta' San Ġwann qaleb ukoll mit-Taljan għall-Malti ktejjeb ta' 16-il paġna, "*Il-Via Sagra, u it-triex[q] ghaziza Li ghamel Sidna u Mulejna Ġesu Cristu*", ippubblikat fl-istamperija tal-Ordni fl-1796 biex jinqara mill-Kattoliċi. Skont Vella dan il-ktejjeb għandu "valur storiku" u "valur lingwistiku".

L-edizzjoni li jirreferi għaliha Vella li nstabet fil-British Library, aktarx l-unika kopja tal-ktejjeb li għad fadal, "ġiet stampata hawn Malta għax it-tnejn ta' qabilha kienu ġew stampati Ruma" fl-1752 u fl-1768. (2007: 160) Flimkien ma' bin Mikiel Anton Vassalli, Grabiel, Cannolo għen lir-Rev. Christopher Frederick Schlienz, li ħa t-tmexxija tas-CMS wara Jowett, jaqleb il-Katekiżmu tal-Ġeografija ta' William Pinnock. Aktarx ukoll li Cannolo kiteb grammatika Maltija. (Vella, 2007: 159)

**Traduzzjoni mill-Feniċju**

Fis-snin għoxrin tas-seklu dsatax, Cannolo tqabbad jittraduċi mill-Feniċju kitba li kienet ukoll bil-Grieg, li kien hemm fuq ħaġra misjuba fl-1819 fl-Afrika ta' Fuq mill-orjentalista Franċiż magħruf Louis-Domeny de Rienzi. Fl-1822 dan de Rienzi ħalla Malta wara li fada l-ħaġra f'idejn ċertu Grognet li min-naħa tiegħu ddisinja kopja eżatta tagħha u bagħatha Pariġi lill-Markiż Agricol de Fortia d'Urban. Dan tal-aħħar illitografa l-kitbiet u l-ispjega miktuba minn Grognet flimkien ma' nota tiegħu stess.

**Xi tagħrif dwar ħajtu**

Bin Giovanni Battista Cannolo u Maria Teresa xebba Mercieca, Giuseppe Cannolo tgħammed fil-knisja parrokkjali ta' Porto Salvo l-Belt nhar it-3 ta' Marzu 1756. Ta' 53 sena, nhar it-22 ta'




Din il-litografija, li ġġib id-data tat-30 t'April 1829 u li saret f'Pariġi mill-famuż Godefroy Engelmann, barra li tinkludi l-ispjega ta' Grognet u l-firma tiegħu fuq il-lemin tal-ħaġra riprodotta, tinkludi wkoll is-sentenza: "Les mots Phoeniciens de cette inscription ont été traduits par M.'Cannolo'." (Ganado, 2012: 30)

Jannar 1809, iżżewweġ lil Maria Antonia Azzopardi bint Indrì u Maddalena La Speranza fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl, il-Belt. Aktar tard mart Cannolo kellha problemi mentali. Raġel deskritt bħala stramb, Cannolo tgħallem ħafna lingwi, uħud minnhom waħdu. Kien jaf ukoll l-Għarbi li aktarx tgħallmu għand Dun Ġużepp Calleja, il-qassis li għallem l-Għarbi wkoll lil Vassalli (Cachia, 1994:107).

Cannolo kien isinn is-skieken. Kien fqir, jaqlagħha u jikolha u qatt ma kellu flus żejda (Sant, 1980: 6). Minkejja li ħadem ħafna għall-Protestanti u qala' l-flus mingħandhom, qatt ma sar Protestant u baqa' Kattoliku. (Cachia, 1994:107) "Skont entrata fir-reġistru tal-imwiet fl-Arkivju Nazzjonali," jikteb Ganado, "hu miet fil-Belt Valletta fit-23 ta' Diċembru, 1845, u ndifen fiċ-Ċimiterju ta' San Publiju, il-Furjana, li kien inbena fl-1778 mill-Università tal-Belt Valletta." (2012: 35). B'hekk bis-saħħa ta' din ir-riċerka ta' Ganado sirna nafu li Cannolo kważi kellu 90 sena meta miet filwaqt li qabel, peress li ma konniex nafu meta miet, konna nafu biss li kien għadu jgħix meta kellu l-età ta' 82 sena – skont żewġ qassisin ta' denominazzjonijiet Insara differenti, ir-Rev. Schlienz u l-Kanonku Fortunatu Panzavecchia. (Cachia, 1994: 107 u Vella, 2007: 160)

**L-interpretu tal-lum u ta' żmien Cannolo**[6]

Aktarx l-istampa li għandna f'moħħna ta' interpretu hu ta' wieħed maqful f'kabina tal-ħġieġ f'xi konferenza, f'xi qorti waqt xi ġuri jew biswit xi persuna tal-poter waqt żjara f'pajjiż jinterpretalu l-lingwa tal-post f'lingwa li jifhimha. Iżda f'dawn iż-żmenijiet naraw ukoll lill-interpretu, aktarx wara xi traġedja tal-immigranti fil-baħar Mediterran jew f'xi kamp tar-refuġjati waqt gwerra, jinterpreta u jislet l-informazzjoni għall-awtoritajiet tal-post jew għal xi organizzazzjoni umanitarja.

Xi ħaġa simili kienet tiġri fi żmien Cannolo, iżda għall-iskjavi li kienu jinqabdu fuq il-baħar. L-awtoritajiet tal-kwarantina Maltin, hekk kif il-kaptan kursar kien jasal Malta bil-priża tiegħu l-Lazzarett (illum insejħulu Manoel Island), kienu jinterrogawh dwar l-iskjav u l-merkanzija li jkun qabad, l-ibħra fejn qabadhom u minn fuq liema qoxra tal-baħar qabadhom. Fl-istess ħin, jew immedjatament wara din l-interrogazzjoni, l-iskjav, wara li jaħlef fuq Alla li jgħid il-verità, kien jiġi interrogat u jistaqsuh l-istess affarijiet biex jikkorroboraw il-verżjoni tal-kursar. Kien hawn fejn kien jidħol il-bżonn tal-interpretu.

Min-naħa l-oħra, il-kaptan, li fost in-negozju – maħmuġ – li kien jagħmel kien jinnegozja l-iskjavi, kien ikollu bżonn ikun jaf min hu l-

[6] Din in-nota ktibtha bis-saħħa tal-istoriku Liam Gauci li hu wkoll l-awtur, fost xogħlijiet oħra, ta' "The diet of ordinary people and slaves: Malta in the 1590s", ktiba inkluża fil-ktieb "Georgio Scala and the Moorish Slaves: The Inquisition - Malta 1598", editjat mill-Professur Dionisius A. Agius u maħruġ mill-Midsea Books fl-2013.



Paġna ta' manuskritt ta' "interpretatura" li għamel l-interpretu Giuseppe Mifsud ("*Verbale e venditi*" BOX: Capitano Gugliemo Lorenzi 1778, l-Arkivji Notarili, il-Belt Valletta)

iskjav maqbud f'idejh biex jara kemm kien jiswa u hekk kien jikkorda r-rahan li kien se jitlob: altru jkollu f'idejh bint xi gvernatur Ottoman u altru jkollu f'idejh xi kriminal li lanqas pajjiżu ma kien ikun iridu lura. Il-prezz tar-rahan kien jitla' u jinżel skont din l-informazzjoni miġjuba biss permezz tal-interpretu. Fiż-żewġ sitwazzjonijiet, il-ħlas tal-interpretu kien jagħmlu l-kaptan li kien obbligat li jqabbad wieħed bil-liġi – bħal speċi kif in-negozjant tal-lum hu obbligat li jkollu accountant. Dan nafuh mill-kotba tal-kontijiet tan-nutar tal-kaptan tal-Korso.

Hawn nixtieq nieħu l-opportunità biex nuri d-distinzjoni bejn it-traduttur u l-interpretu. It-traduttur jaqleb testi miktuba minn lingwa għal oħra u ġeneralment jaħdem f'uffiċċju waħdu anke jekk ta' sikwit ifittex il-kollaborazzjoni ta' sħabu jew l-għajnuna tal-esperti. L-interpretu jaqleb verbalment diskorsi minn lingwa għal oħra u ġeneralment jindirizza mqar bniedem wieħed. Bħat-traduttur, dan jagħmel ir-riċerka dwar is-suġġett, jikkonsulta lil sħabu jew l-esperti, iżda dan dejjem jagħmlu qabel ma jibda xogħlu u mhux waqt li qed jaħdem, kif ġieli jiġri lit-traduttur.

***Biblijografija***


Cachia, Lawrenz. *L-Ilsien Malti – Il-bieraħ u l-lum* Sensiela Kotba Soċjalisti – Id-Dipartiment tat-Tagħrif tal-Partit tal-Ħaddiema, 1994.

Cremona, Ant., *Mikiel Anton Vassalli u Żminijietu*, Edizzjoni Klabb Kotba Maltin, 1975.

Ganado, Albert. "The talents of Giuseppe Cannolo (1756-1845): An Appreciation", *Proceedings of History Week 2009*, edited by Charlene Vella, Malta Historical Society, Midsea Books Ltd, 2012, p. 28-35.

Il-Bibbja, Traduzzjoni għall-Malti mill-ilsna oriġinali mill-Mons. Professur Pietru Pawl Saydon, *Societas Doctrinae Christianae*, M.U.S.E.U.M., Blata l-Bajda, 1995.

Il-Bibbja – Il-Kotba Mqaddsa miġjuba għall-Malti mill-ilsna oriġinali l-Lhudi u l-Grieg mill-Għaqda Biblika, L-Għaqda Biblika, Media Centre, 1984.

Sant, Karm. "Tagħrif ġdid fuq M. A. Vassalli: Dr Cleardo Naudi u Giuseppe Cannolo", *Leħen il-Malti*, Sena XLIX, Għadd 22, L-Għaqda tal-Malti (Università), 1980, p. 5-6.

Sant, Karm. *It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti 1810-1850*, The Royal University of Malta, 1975.

Sant, Karm., "Ġużeppi Maria Canolo – L-ewwel traduttur Malti tal-Vanġelu ta' San Ġwann", *Sijon*, Vol. 6 Nru 5, 1973-1974, p. 8-9.

Vella, Olvin, "The Church Missionary Society printing press (1822-1844) and the cultivation of the Maltese language", *Treasures of Malta*, 36, Vol. XII Nru 3, il-Fondazzjoni Patrimonju Malti bl-assoċjazzjoni tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, is-Sajf 2006.

Vella, Olvin. "Ktejjeb rari ta' Cannolo", *Il-Malti*, Ħarġa LXXIX. Valletta: L-Akkademja tal-Malti – Klabb Kotba Maltin, 2007, p. 159-176.


*Ivan Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

***Nota ta' ringrazzjament***

Biex nikteb din is-sensiela jkolli nistaqsi bosta nies u nqatta' ħafna ħin nirriċerka f'diversi postijiet u libreriji, iżda l-aktar fil-Melitensia tal-Università ta' Malta. Hemm insib l-għajnuna verament altruwista tal-librara Maria Chircop u Joe Mizzi, immexxijin minn Max Zammit. Kemxejn tard, imma fl-aħħar wasal il-mument hawn li minn qalbi nirringrazzjahom tal-assistenza tagħhom.